# L-Ħajja f'Għawdex

Nru. 861

Awissu/
Settembru
2004



## L-Immakulata tal-Qala 50 Sena Inkurunata


ICI
Dulux
WORLD of COLOUR
Ta' Ġamri - Għajnsielem, Gozo.
Tel: 2155 1578 Mob: 9942 2341 / 9944 3550
Visit us to see our full range of colours
for interior and exterior wood, metal, walls and ceilings.
For decorative tips call our Interior Decorator on 9987 6932

# f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Mill-Knisja fid-Dinja • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
Il-Qala: Tifkiriet tal-Imgħoddi b'Harsa lejn il-Ġejjieni • 12
Dal-Biża' kollu għalfejn? •15
Għaqda tal-Għaqdiet• 17
Versi Riflessivi •19
ACM:
Il-Kelma tar-Ragħaj dwar xi Problemi ta' Żmienna •20
Bookmark: Ktieb ideali għas-Sena Ewkaristika• 22
Għawdex 300 sena ilu –
Tron Ġuratali għall-Matriċi • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim tat-Twemmin Nisrani (28) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (27) • 26
Għawdex... Kif nafu u narah jien (6) •30
Xhieda Nisranija: Karolina Cauchi (1) •32
Għawdxin li għadna niftakru (16) -
Ġanġu ta' Newwiela • 34
Apprezzament: Dun Mikiel Attard • 36
Fehmet il-Qarrejja • 37
Int u saħħtek • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn Madwar id-Dinja • 42

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 861***
***Awissu/Settembru 2004***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni*:**
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fit-28 ta'Awissu 2004*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
**50 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Kunċizzjoni tal-Qala**
**(ara l-Intervista, pp. 12-14)**

# EDITORJAL

## Ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kungress Pastorali Djoċesan fid-dawl tas-Sena ta' l-Ewkaristija

*Fid-Djoċesi tagħna għadu kemm ġie ippubblikat librett bir-riżoluzzjonijiet tas-VII Kungress Pastorali Djoċesan, li nżamm f'Novembru tas-sena l-oħra, bit-tema "Nibnu Komunità Awtentikament Nisranija". Dawn ir-riżoluzzjonijiet nistgħu nqisuhom bħala ġabra sintetika tal-konklużjonijiet l-aktar importanti u tad-diskussjonijiet li saru matul il-laqgħat tal-kungress. Is-seba' Kungress kellu bħala bażi mhux biss id-dokumenti pastorali tat-Tieni Sinodu Djoċesan, iżda wkoll ir-riżoluzzjonijiet ewlenin tal-Kungressi li saru qabel, mill-1975 sas-sena 2000. Dan sar mhux biss biex ma jintesiex dak li kien ġie deċiż preċedentament, iżda wkoll biex il-proposti li kien hemm jerġgħu jiġu ppreżentati b'mod aktar konkret u prattiku. L-iskop tal-pubblikazzjoni tar-riżoluzzjonijiet hu doppju: l-ewwel nett biex dawn ikunu aktar f'idejn l-operaturi pastorali, mhux biss saċerdoti, iżda wkoll reliġjużi u lajċi, u t-tieni, biex barra milli jkunu ta' għajnuna u gwida għall-individwi li jridu jimpenjaw ruħhom fl-appostolat Kattoliku, joffru wkoll materjal siewi għat-tfassil tal-pjani pastorali tal-parroċċi tagħna għas-snin li ġejjin.*

*Il-kontenut prinċipali tar-riżoluzzjonijiet ġie mfassal fuq iż-żewġ pilastri ewlenin li fuqhom tinbena l-Knisja: il-Ministeru tal-Kelma u l-Ewkaristija. Minn dawn imbgħad ġie definit il-pjan-gwida pastorali maħsub għall-għalqa tax-xogħol, li jitlaq mill-familja, għall-parroċċa, għad-djoċesi, għan-nazzjon, sa ma l-viżjoni tkompla titwessa sa ma tasal sal-Kontinent Ewropew u għall-Globalizazzjoni.*

*Dawn ir-riżoluzzjonijiet issa se jkollna l-grazzja li nibdew inqiegħduhom fil-prattika, propju fiż-żmien li fih il-Papa attwali, Ġwanni Pawlu II, iddeċieda li jkun iddedikat għall-Ewkaristija. Il-Papa, li tant iħobb jitkellem dwar l-Ewkaristija u li tant hu devot tagħha, ħaseb li minn Ottubru ta' din is-sena, meta fil-Messiku jinżamm il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali, nagħtu bidu għal sena li fiha il-poplu kollu t'Alla jikkonċentra iżjed fuq dan il-misteru u jikber iżjed fih.*

*Din żgur se tkun opportunità mill-isbaħ u fuq kollox spinta oħra, biex inkomplu naħdmu fuq dawn ir-riżoluzzjonijiet u wkoll nibdew naraw il-frott tagħhom, kif inhi x-xewqa ta' l-Isqof tagħna. Fid-dawl taċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, li tagħmilna aktar komunità waħda magħquda, il-ħidma b'risq l-implimentazzjoni ta' dawn ir-riżoluzzjonijiet ċertament għandha tħalli effett pożittiv.*




*Seminarista Joseph Curmi*

## *L-Isqof Cauchi fil-Festi Ċentinarji*

Din is-sena Mons. Isqof Nikol Cauchi kellu sehem attiv hafna f'diversi festi ċentinarji li nżammu f'Għawdex, speċjalment fil-parroċċi ta' Fontana, Nadur, Għarb, Kerċem, Sannat u Qala. Tagħrif dettaljat dwar dan jinstab fil-programmi speċjali u rivisti jew kotba kommemorattivi li kull parroċċa ppubblikat għall-festi tagħha.

## *Tberik tal-Monument ta' l-Isqof Pace*



Fl-10 ta' Lulju 2004 fit-7.45 p.m. l-Eċċellenza Tiegħu Mons Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex bierek monument "*full-figure*" tal-E.T. Mons Giuseppe Pace, li kien isqof t'Għawdex bejn is-snin 1944 u l-1972. Dan il-monument li tqiegħed fil-Bażilika ta' San Ġorġ ġie maħdum mill-Kav. Vincenzo Apap ftit qabel ma miet, u ġie fondut minn Ġużeppi Chetcuti f'Malta. Għall-okkażjoni tqassam ukoll librett li l-faċċata tiegħu kienet iġġib il-figura ta' l-Isqof Pace u fih artiklu dwar l-Isqof Pace miktub mill-Isqof Cauchi. Matul il-jiem tal-festa ta' San Ġorġ saret wirja dwar l-Isqof Pace u kien hemm eżibiti diversi oġġetti li kienu jappartjenu lilu u oġġetti oħra marbuta miegħu.

## *Manifestazzjoni Marjana f'Marsalforn*

Fit-22 ta' Lulju 2004 il-Kummissjoni Djoċesana għall-Apostolat tal-Lajċi flimkien mal-Leġjun ta' Marija t'Għawdex u tal-Kummissjoni Żgħażagħ bħas-snin l-imgħoddija organizzaw il-Manifestazzjoni Marjana favur "Ambjent Moralment Nadif." Kien hemm il-korteo mill-Menqa f'Marsalforn bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima u ngħad ir-Rużarju meditat . Wara l-Eċċellenza Tiegħu Mons Nikol G. Cauchi, mexxa konċelebrazzjoni flimkien ma' għadd ta' saċerdoti. Mons Isqof fl-omelija tkellem dwar il-ħtieġa li "nħarsu d-drittijiet ta' Alla u tal-Knisja;" "Jien nemmen li Kristu huwa s-soluzzjoni għall-problemi tagħna u għand Kristu għandna mmorru biex infiequ mill-kriżi spiritwali li qegħdin fiha, anke bħala pajjiż." Fl-aħħar Mons Isqof enfasizza l-ħtieġa li jitwettqu r-riżoluzzjonijiet tas-Seba' Kungress Pastorali Djoċesan u biex meta jitħabbar il-programm tas-Sena Ewkaristika mniedi mill-Papa Ġwanni Pawlu II kulħadd jipprova jsegwih.

## *Kappillan Ġdid għall-Parroċċa ta' San Lawrenz.*



L-Eċċellenza Tiegħu Mons Isqof ħatar lil Dun Danjel Xerri bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' San Lawrenz suċċessur tal-Kan Dun Mikiel Borg. Dun Daniel twieled fil-21 t'Awissu 1969. Irċieva l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tax-Xagħra u mbagħad fis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù. Fl-1987 daħal fis-Seminarju Maġġuri fejn beda l-formazzjoni tiegħu għas-Saċerdozju. Għamel is-sena intermedjarja fil-Parroċċa ta' Assumption, Atco (New Jersey) fil-USA. Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Nikol G. Cauchi fil-Kattidral t'Għawdex, nhar l-24 ta' Ġunju 1994. Huwa beda l-missjoni saċerdotali tiegħu fil-parroċċa ta' S. Ignazio d'Antiochia, Ruma u aktar tard fil-parroċċa ta' Santa Croce, fid-djoċesi ta' Sabina Poggio Mirteto. Sadanittant kompla ukoll l-istudji tiegħu fit-teoloġija dommatika u fl-1997 kiseb il-liċenzja fl-Università Pontifiċja "Angelicum". Fis-sena 2000 kiseb id-Dottorat fl-Università Pontifiċja "Regina Apostolorum". Wara ġie msejjaħ biex jgħallem it-teoloġija fl-istess università. Fl-istess sena

ġie maħtur ukoll kappillan tal-parroċċa Santa Maria della Pace, f'Borgo S. Maria. Sentejn wara l-Isqof ta' Sabina Poggio Mirteto afdalu wkoll parroċċa oħra, dik ta' S. Maria Assunta, f'Corese Terra. Dun Danjel għandu jieħu l-pussess tal-parroċċa ta' San Lawrenz f'Settembru.

## *Pellegrinaġġ Djoċesan għal Malta*

Bħas-snin l-imgħoddija, t-Tlieta, 17 t'Awissu, Mons Isqof mexxa pellegrinaġġ djoċesan għal knisja tal-Madonna f'Malta u s-sena mess lill-parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu, tal-Balluta, Dan il-pellegrinaġġ ġie organizzat mill-Kummissjoni Djoċesana għall-Appostolat tal-Lajċi. Il-pellegrinaġġ telaq mal-vapur tal-5.15 p.m. Fil-konċelebrazzjoni flimkien ma' xi kappillani u saċerdoti Għawdxin u l-kappillan tal-post, Mons Isqof għamel omelija li fiha saħaq fuq il-ħtieġa li jkollna devozzjoni vera u ġenwina lejn il-Verġni Mbierka billi fuq kollox nimitawha fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

## *Donazzjonijiet lill-Missjoni u lil persuni bi bżonnijiet speċjali miż-żgħażagħ taċ-ċentru tan-Nadur*



"Naqdu lil Kristu biex ninbnew f'tempju qaddis ta' Alla" Dan kien il-motto magħżul għall-festi ċentinarji fin-Nadur. Iż-żgħażagħ taċ-Ċentru matul is-sena ta' qabel il-festa ħadmu fuq dan il-motto u organizzaw diversi attivitajiet biex jaqdu lil Kristu fil-proxxmu fil-bżonn jew bi bżonnijiet speċjali. Infatti waqt il-Pontifikal tal-festa tal-Parroċċa, iż-żgħażagħ għamlu żewġ donazzjonijiet, waħda ta' Lm 800 lil Fr. Raymond Portelli, missjunarju fil-Perù, u donazzjoni ta' *Rifton Chair* (Lm 950) għal persuni bi bżonnijiet speċjali fil-parroċċa.



## *Is-Seminaristi jżuru l-Istitut ta' Collereale f'Messina*

Fil-bidu tax-xahar ta' Lulju Mons Isqof għamel żjara lill-Istitut ta' Collereale ġewwa Messina. Hawnhekk huma rikoverati anzjani nisa u rġiel kif ukoll xi persuni b'diżabilità u hemm ukoll sezzjoni għas-saċerdoti anzjani. Preżenti fuq xogħol ta' volontarjat kien hemm grupp ta' żgħażagħ studenti tal-Pre-Seminarju immexxija minn Fr Joe Zammit u żewġ seminaristi. Collereale hija marbuta mas-Seminarju t'Għawdex għaliex fis-Sajf tal-1981 kienet inbdiet esperjenza ta' volontarjat li fiha numru sabiħ ta' seminaristi jitilgħu għal xahar u jagħtu s-servizz tagħhom f'din id-dar ta' kull sajf. Mons Isqof iltaqa' mal-ex-Direttur Mons Giuseppe Foti u qaddes Quddiesa għall-anzjani u għall-istaff li jaħdmu f'din id-dar.

TROPICAL FOREST
Aquarium, Pet & Garden Centre

Mġarr Road, Xewkija,
Gozo - Malta.
Tel: 2156 3805
Mob: 9986 4255

Majestic too Electronics Centre
Video & DVD Rentals,
*Sales of*: TV's, VCR's, Hi-Fi,
Mobile Phones & Air-Conditioners
*F.Mizzi Street, Victoria, Gozo - Malta.*
Tel: 2156 6616 Mob:79461299

Authorized Dealers in Gozo for
SAMSUNG *Satellite Receivers*
SANYO *TV. DVD. VIDEO. AUDIO*
Pioneer *Sound and Vision*
Roadstar *Hi-Fi's of All Kinds*
*REPAIR CENTRE FOR MOBILES, TV's, VIDEOS, DVD's, HI-FI's, etc.*




## *Apparat ġdid għall-Isptar Ġenerali t' Għawdex*

Il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono, fis-16 ta' Ġunju ġiet ippreżentata b' apparat ġdid għall-pazjenti fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex permezz ta' donazzjoni mill-*Gozo Cancer Club*. Din id-donazzjoni ta' apparat, b' valur ta' madwar Lm7,000, tikkonsisti f'*Dialysis Chair* u *Wall Panel b'Outlets* doppji kif ukoll *Holter Recording*. Il- *Gozo Cancer Club* huwa magħmul minn pazjenti tal-kanċer, familjari tagħhom u anke persuni oħra mhux neċessarjament affettwati mill-kanċer. Il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono irringrazzjat lill-*Gozo Cancer Club* għal din id-donazzjoni sostanzjali li qed tiġi minn għaqda mhux governattiva li għandha għal qalbha settur delikat mill-qasam u l-provvista ta' servizzi tas-saħħa fil-gżira ta' Għawdex.

## *Tberik tal-Bieb tal-Bronż tal-Bażilika ta' San Ġorġ*




It-Tlieta, 13 ta' Lulju 2004 Mons Isqof mexxa funzjoni tat-tberik tal-bieb tal-bronż "*Porta Salutis*" fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Il-funzjoni tat-tberik saret fil-misraħ ta' quddiem il-knisja . Matul il-funzjoni kien hemm xi kant immexxi mill-Kor *Laudate Pueri*, inqrat poeżija tal-Kan Joe Meilak u saru ukoll xi invokazzjonijiet minn diversi kategoriji tal-parroċċa. Il-parroċċa għamlet dan il-bieb tal-bronż biex jiġu mfakkra żewġ ġrajjiet kbar li ġew iċċelebrati matul dawn is-snin; dak tal-Ġublew il-Kbir tal-Fidwa tagħna fis-sena 2000, u s-sbatax il-Ċentinarju mill-Martirju ta' San Ġorġ fis-sena 2003. L-artist ta' dan il-bieb huwa l-artist Għawdxi s-Sur John Grima u x-xogħol fil-bronż inħadem mill-Fonderija Bonviċini ġewwa Verona, l-Italja.

## *Żfin minn Studenti Żgħażagħ Għawdxin*

*Yada Dance Accademy School* nhar is-Sibt 26 ta' Ġunju żammet l-appuntament tagħha ma' l-istudenti taż-żfin, fi tmiem il-kors, meta organizzat attività pubblika fl-Oratorju Don Bosco. Din l-iskola li ilha topera f'Għawdex għal dawn l-aħħar tliet snin hija mmexxija minn Felix Busuttill u Daron Galea, filwaqt li l-għalliema huma kollha Maltin. Fil-programm tas-Sibt ittellgħu biċċiet ta'żfin mill-istudenti kollha Għawdxin li jattendu din l-iskola. Fl-aħħar tal-programm ingħataw premijiet lill-aħjar studenti. Din l-iskola ta' kull sena toffri tliet *scholarships* lokali u hemm il-ħsieb li mis-sena d-dieħla jibda jingħata skolarxip barra minn xtutna. Il-kors għal studenti ġodda ser jibda fis-27 ta' Settembru 2004, u barra l-korsijiet regolari ser jingħata bidu għal kors ġdid fil-*Latin-American*.

## *Restawr ta' Niċċa Antika fl-Għasri*

Ir-restawr tan-niċċa tal-Lunzjata ġewwa l-Għasri tlesta. L-inizjattiva ttieħdet mill-Kunsill Lokali ta' l-Għasri li ilu għal dawn l-aħħar erba' snin isus wara l-awtoritajiet kompetenti biex joħorġu l-permessi neċessarji ħalli jkun jista' jsir ir-restawr meħtieġ fuq din l-unika niċċa tal-Lunzjata f'Malta u f'Għawdex li kienet fi stat ħażin ħafna. Wara li ħarġu l-permessi, beda r-restawr taħt is-supervizjoni tal-perit Edward Scerri.

## *"Stagecoach Mega Concert" fil-pjazza tal-Katidral*

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija sar dan il-kunċert fi Pjazza Katidrali l-Ħamis 5 ta'Awissu. Ħadu sehem il fuq minn tliet mitt student li jattendu t-taħriġ mogħti mill-*istagecoach*. Matul is-serata, wieħed seta' jisma' siltiet minn *musicals* magħrufa. Il-flus miġbura marru għall-missjoni ta' Dun Anton Grech u l-ħidma missjunarju tiegħu fil- Guatemala.

## *Wirja tal-Biedja u Snajja nhar Santa Marija*

Din il-wirja annwali ttellgħet fil-Ġonna Pubbliċi *Villa Rundle,* Victoria s-Sibt 14 u l-Ħadd 15 ta' Awissu. Kienet organizzata mis-Soċjetà Agrikola, Industrijali u Kulturali ta' Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent kif ukoll tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Għall-wiri kien hemm madwar erbat elef *item,* fosthom annimali u tjur, ħxejjex u frottijiet u artiġjanat.



## *Michael Xuereb jirrappreżenta l-pajjiżna fil- "Youth Arts" fl-Irlanda*

L-artist żagħżugħ promettenti Għawdxi, Michael Xuereb, min-Nadur, irrappreżenta l-pajjiżna fil-*Youth Art*, organizzat mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ ta' l-Irlanda, fl-okkażjoni tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropeja f'Mejju li għadda. Michael ġie magħżul minn pajjiżna biex jingħaqad ma' 23 artisti oħra żgħażagħ minn madwar l-Ewropa kollha biex joħolqu proġett artistiku li jikkommemora dan l-avveniment. Il-proġett ikkreat kien DVD li kien jikkonsisti f'espressjonijiet artistiċi varji bħal ma huma mużika, immaġini diġitali u grafiċi kompjuterizzati li pproduċew dawn l-artisti żgħażagħ. Lil Michael nawgurawlu aktar suċċessi fil-karriera artistika tiegħu.

## *Festival San Lawrenz bil-premju "Palma tad-Deheb"*

Bħala parti mill-festa li tiġi ċċelebrata fir-raħal li jġib l-isem tal-qaddis patrun tiegħu, kien organizzat dan il-festival mill-Ħadd l-1 ta' Awissu sal-Ħamis 5 ta' Awissu. Ġie organizzat logħob għal kulħadd, serata folkloristika, spettaklu ta' zfin minn *musicals,* l-ikla tal-festa u lejla Lawrenzjana. Matul din il-lejla ngħatat il-Palma tad-Deheb lil Mariella Cassar bħala żagħżugħa li iddistingwiet ruħha fil-qasam mużikali, l-iktar permezz tad-daqq tal-vjolin. Dawn l-attivitajiet kollha ttellgħu fil-pjazza ewlenija tar-raħal ta' San Lawrenz.

## *Musical lil S. Margerita f'Sannat*

L-Għaqda Drammatika Sannat bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' l-istess lokalità u l-Ministeru għat-Turiżmu u l-Kultura preżentat il-*musical* "Margerita". Dan ix-xogħol mużikali ttella'fl-okkażjoni ta' l-1700 sena mill-martirju ta' din il-qaddisa u l-miġja tar-relikwija tagħha f'Sannat. Il-kliem u l-muzika kienu ta' Daniel Borg filwaqt li l-arranġament sar minn Francis X. Buttigieg. Dan l-ispettaklu ttella' t-Tnejn 19 ta' lulju fi Triq Xamgħan fejn il-Museum ta' Sannat.



## *Immodernizzar fis-servizz ta' telefon fl-Isptar Ġenerali t' Għawdex*

Wara x-xogħol ta' modernizzar fis-sistema tat-telefon fl-Isptar Ġenerali t' Għawdex, is-servizz tat-telefon beda jingħata b'sistema *Direct Dial In* mis-27 ta' Lulju. In-numru l-ġdid tal-linja ġenerali huwa 22 106 000 filwaqt li l-aħħar tliet numri jinbidlu skond in-numru ta' l-*extension* fis-swali u l-uffiċċji ndividwali. In-numri tat-telefon 21 561600 u 21 562700 għadhom japplikaw.

## *"Messa Arcaica"- kreazzjoni artistika oriġinali f'Lipari*

Dan huwa l-isem ta' wirja li l-artist Għawdxi Austin Camilleri tella' ġewwa Lipari. Lipari hija l-ikbar gżira fl-arċipelagu Eolie, grupp ta' gżejjer fit-tramuntana ta' Sqallija. Kien Dr. Riccardo Gullo, direttur tal-Muzew Arkeoloġiku li jinsab f'Lipari li inawgura din l-esebizzjoni. Il-wirja ttellgħet fil-knisja ta' Santa Caterina al Castello, post li jintuża biss għall-wirjiet. L-artist kesa mija u ħamsin metru kwadru mill-art tal-knisja bl-*ossidiana,* ġebla vulkanika, u dendel mitejn u erbgħin flixkun bid-duħħan fihom. Dan kollu kien jirrappreżenta l-liżar ta' Turin mingħajr xbieha. Camilleri, permezz ta' dan ix-xogħol, kompla juri l-interess tiegħu fis-sagru u fl-ikonografija. Għal din l-okkażżjoni ġiet miktuba silta mużikali minn Stephen Attard u li ndaqqet matul iż-żmien tal-wirja. Il-wirja baqgħet miftuħa sa l-aħħar ta' Lulju. Ta' min iżid li Austin ħa sehem ukoll fil-wirja bl-isem ta' *Breakthrough* li ttellgħet f'Hague l-Olanda minn parteċipanti mill-għaxar pajjiżi ġodda li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea.

## *Eletti Sindki, il-maġġoranza kkonfermati. Tnejn ġodda*

Noel Formosa kien ikkonfermat sindku għal-lokalità ta' San Lawrenz. Paul Buttigieg ukoll kien ikkonfermat f'din il-kariga għal-lokalità tal-Qala. Joseph Sultana ukoll reġa' kien konfermat bħala s-sindku tal-Munxar. Għal-lokalità tax-Xagħra Joseph Spiteri kien maħtur sindku għall-ewwel darba. Joe Grima kien ikkonfermat sindku tal-lokalità ta' Kerċem. B'vot unanimu, Carmelo Saliba gie elett għall-ewwel darba Sindku għal-lokalità taż-Żebbuġ, Għawdex, lokalità li tiġbor fiha wkoll lil Marsalforn, Qbajjar u x-Xwejni. Lis-sindku ri-eletti jew ġodda nawgurawlhom ħidma fejjieda.

## *Milan Supporters Klabb - Inawgurazzjoni Uffiċċjali*

Biex jiċċelebraw ir-rikonoxximent mill-A.I.M.C, il-kumitat tal-*Milan Supporters Club*, Għawdex, għamel minn kollox biex ikollu klabb aktar attraenti u spazjuż. Għal din l-okkażjoni u biex jiftaħ dan il-lokal, il-kumitat stieden lill-President is-Sur A. Capitanio u s-Segretarju Ġenerali s-Sur B. Guinetti. Kienu preżenti bosta *supporters* Milanisti Għawdxin u anke Maltin. F'diskors qasir tal-okkażjoni l-President s-Sur Laurie Scicluna irringrazzja lil dawk kollha preżenti għall-għajnuna li dejjem taw lill-Club kif ukoll lis-Sur Capitanio u s-Sur Guinetti talli laqgħu l-istedina u ġew jagħtu l-appoġġ tagħhom. Is-Sur Capitanio, President tal-A.I.M.C. min-naħa tiegħu rringrazzja lill-kumitat għall-istedina u l-laqgħa eċċezzjonali li ngħataw. Huwa wiegħed kull għajnuna u kollaborazzjoni mill-qrib.

## *GħajnsielemFest 2004 ma' Julie u Ludwig*

Dan l-ispettaklu ta' kant u żfin kien organizzat mill-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem bis-sehem ta' kantanti u żeffiena lokali. Il-mistiedna speċjali kienu Julie u Ludwig. Il-festival sar fi Pjazza Madonna ta' Loreto l-Ħamis 19 ta' Awissu.


Ta' Pawlu



Bar & Restaurant

Tel: 2155 8355
Mob: 9942 1536
Fax: 2156 4382

4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.

LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
MARSALFORN - GOZO

Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt

SEA VIEW APARTMENTS ALSO AVAILABLE




### *Il-Papa jispjega s-Sena ta' l-Ewkaristija*

Fl-udjenza pubblika tal-Ħadd, 13 ta' Ġunju, Ġwanni Pawlu II qal li t-tnedija ta' Sena Speċjali ta' l-Ewkaristija (2004-2005) tagħmel parti mill-proġett sħiħ għall-millenju l-ġdid biex nibdew minn Kristu. Hu afda din is-Sena lill-Verġni Marija, li tul is-Sena tar-Rużarju, għenitna nikkontemplaw lil Kristu bil-ħarsa tagħha u l-qalb tagħha.

### *Kungress Internazzjonali għall-Qassisin fil-Gżejjer tagħna*

"Qassisin għall-Formazzjoni tal-Qaddisin għall-Millennju l-Ġdid, fuq il-Passi ta' l-Appostlu Pawlu" hu s-suġġett tal-Kungress Internazzjonali għall-Qassisin, organiżżat mill-Kongregazzjoni għall-Kleru, li se jsir f'Malta u Għawdex mit-18 sat-23 ta' Ottubru li ġej. Il-Kungress ser jibda fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann u fit-22 ta' Ottubru, il-kongressisti ser ikollhom laqgħat fir-Rotunda tax-Xewkija u fis-Santwarju ta' Pinu. Diversi kardinali ser imexxu l-attivitajiet tal-Kungress.

### *Kungress Ewkaristiku f'Washington*

Għall-ħarifa li ġejja hu ppjanat Kungress Ewkaristiku fil-kapitali ta' l-Istati Uniti. It-tema, meħuda mill-enċiklika tal-2003 ta' Ġwanni Pawlu II hu: "Is-sema jingħaqad ma' l-art". Il-Kungress ser isir fl-24 u 25 ta' Settembru, fis-Santwarju Nazzjonali ta' lmmakulata Kunċizzjoni. Il-Kungress se jikkonsisti f'ċelebrazzjoni liturġika solenni, katekeżi, talb, purċissjoni u adorazzjoni ewkaristika u attivitajiet speċjali għaż-żgħażagħ.

### *Il-mibgħut tal-Papa jitlob azzjoni f'Dafur*

L-Arċisqof Josef Cordes, mibgħut personali tal-Papa fir-reġjun ta' Dafur fis-Sudan, qal li l-gwerra fis-Sudan ġiet imwarrba u njorata fl-opinjoni pubblika għal żmien twil wisq. Dan qalu wara li żar il-kampijiet tar-refuġjati fir-reġjun ta' Dafur. Hu qal li eluf ta' persuni minn Dafur kienu sforzati jaħarbu u jgħixu f'kundizzjonijiet li ma jixirqux lill-bniedem minħabba fl-attakki fuq il-villaġġi tar-reġjun. Il-mexxejja internazzjonali, kompla l-arċisqof, "għandhom id-dmir li jaraw lil hemm mill-interessi tagħhom stess" u jgħinu lill-poplu ta' Dafur jeħles mill-miżerja. Ġara li żviluppat kriżi umanitarja fin-naħa tal-punent wara li tribù Għarab, li jingħad li kienu mgħejjuna mill-gvern ta' Khartoum, mexxew attakki mdemmija fuq irħula Afrikani tal-post. Osservaturi jibżgħu li gruppi Għarab u Iżlamiċi qed jippruvaw jimbuttaw il-gruppi reliġjużi u etniċi kollha fin-nofsinhar tas-Sudan u hekk isaħħu l-kontroll fuq ir-reġim Musulman fin-naħa ta' fuq tal-pajjiż.

### *Il-Papa jikteb ktieb ieħor - il-ħames wieħed!*

Ġwanni Pawlu II qed jikteb ktieb ieħor, din id-darba dwar riflessjonijiet filosofiċi u eżistenzjali. Skond Fr. Pawel Ptasznik, mis-Segreterija ta' l-Istat tal-Vatikan, il-proċess tal-kitba hu pjuttost avanzat, madankollu wieħed m'għandux jistenna li l-pubblikazzjoni hi fil-qrib. Qal ukoll li għal ħafna snin, Fr. Josef Tischner, filosofu u ħabib tal-Papa, issuġġerielu intervista fuq temi filosofiċi u eżistenzjalisti. Aktarx li din l-intervista saret fis-sajf ta' l-1984 u kienet irrekordjata. Imbagħad, il-Papa kompla jaħdem fuq dawn l-ideat. Dan se jkun il-ħames ktieb ippubblikat minn Ġwanni Pawlu II, wara "*Lil hinn mill-għatba tat-tama*", "*Don u misteru*", "*Trittiku Ruman*" u "*Qumu! Ejja mmorru!*".

DM

**David's Bakery Caterers**

**Il-Kwalità l-ewwel!**

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131




## ĦADDIEMA MAL-GVERN... Bla ħeġġa jew bla dehen?!

Mhu ser ngħid xejn ġdid li Għawdex kollu ma jafux. U lanqas ser insemmi lil ħadd personali, għax din hi marda ġenerali tal-ħaddiema manwali tal-Gvern kif ilhom magħrufin għal għexieren ta' snin. Imma kultant tosserva ċerti ċirkostanzi jew modi strambi li x'ħin tarahom la taf tidħak u lanqas tgerger. Per eżempju:

1. Żewġ ħaddiema jiżbgħu l-bankijiet fi pjazza. Bott żebgħa ħadra u pinzell f'idejhom, jiżbgħu lasta wara l-oħra, fuq il-ħmieġ ta' l-għasafar, trabijiet jew ramel tax-xita tar-riħ isfel, b'kollox! Ħmieġ li ilu jinġabar ix-xhur k'mhux is-snin. Ċappas 'l hawn u ċappas 'l hemm, mexxi u suq, basta tgħatti kollox u mad-daqqa tal-għajn il-bank jidher "miżbugħ u lest"...!

2. "*Guy*" ta' seba' ħaddiema jaqilgħu l-ħaxix ħażin mill-ġenb ta' triq prinċipali, arterja bejn raħal u ieħor. Mgħasqa f'idejhom. Ma' kull ħaxixa ħażina li jaqilgħu, jistrieħu għal ħames minuti fuq l-imgħasqa, iparlaw bejniethom. Ħaxixa 'l hawn u xewka 'l hemm, wara sagħtejn "xogħol" iġbor kollox gozz wieħed f'ġenb tat-triq sa ma jiġi jiġbru t-trakk... jumejn jew tlieta wara! Jekk iqum ir-riħ tant l-aħjar għax niffrankaw il-battikata biex nimpalawh għal ġot-trakk...!

3. "*Guy*" ieħor ta' ħames ħaddiema: tnejn jiżbgħu ż-"*zebra lines*"u tlieta jħarsu lejhom jew lejn in-nisa għaddejjin fuq il-bankini... Iżbogħ fuq l-istess linji ta' qabel, bla ma tiknes it-trabijiet, bla qisien jew '*stencils*' għall-preċiżjoni, fil-ħinijiet l-aktar traffikużi ta' fil-għodu, bi ftit li xejn "*road blocks*" jew "*side-directions signs*". Ħames minuti wara, karozza wara l-oħra tgħaddi minn fuq iż-żebgħa friska fit-triq, u malajr it-triq timtela' biż-"*zebra lines*" kontra xulxin, bil-marki tat-*tyres* imċappsin, sa għaxar piedi 'l bogħod...!

4. Żewġ kenniesa jduru bi xkupa u karretta għal tul it triq jew madwar pjazza. Iġbor karta 'l hawn u bott tal-birra jew flixkun tal-*plastic* 'l hemm... It-trab ħallih f'ġenb taħt il-bankina biex imbagħad joħorġu, jikinsuh in-nisa tad-dar... għal nofs it-triq! U t-trab fis-sajf jibqa' jinġema' jew jittajjar bla ma jiġbru ħadd...



5. Tliet ħaddiema ta' l-agrikultura ġew jiżbru s-siġar tal-pjazza, ġimgħatejn jew tlieta qabel il-festa tar-raħal. Tqaxxira "*nobis*" ta' kull fergħa barra waħda jew tnejn fuq nett, f'nofs Lulju jew Awissu (żmien iż-żbir?!) u s-siġar spiċċaw skeletri twal madwar il-pjazza! U kulħadd ifittex ftit dell mill-qilla tax-xemx fuq l-għetiebi jew ma' djul id-djar! Min ser joqgħod bil-qegħda għad-dell fuq il-bankijiet tal-pjazza taħt dawk is-siġar qishom arbli, qabel is-sitta ta' fil-għaxija? Lanqas il-qtates ma ssograw! Aħseb u ara l-imsejkna xjuħ tagħna jew it-turisti għajjenin...

6. Tliet ħaddiema manwali (jew bennejja?!) jibnu biċċa ħajt ta' tliet filati fil-ġenb ta' triq, biex iżommu l-ħamrija ta' għalqa 'l fuq mil-livell tat-triq. M'hemmx għalfejn pedamenti u lanqas tajn jew siment bejn filata u oħra ("għax ilma ma ġabulniex" jew "siment ma tawniex"!!); l-aqwa li nżommu il-ħamrija u l-ilma milli jaqgħu fit-triq... basta ma jagħmilx xi dulluvju!

7. "*Guy*" ieħor ta' ħaddiema, xi għaxra b'kollox, ġew biex iraqqgħu t-triq prinċipali tar-raħal... għax ġejja l-festa! Dan anqas minn ġimgħa qabel il-festa:

# *Ritratt... b'mistoqsija!*



***KULL META QEGĦDIN JITBATTLU DAWN IT-TLIET SKIPS TAŻ-ŻIBEL FIT-TRIQ TA' WIED ŻEJTA FIR-RABAT?***

pala żrar f'kull ħofra (basta kbira!), ftit qatran minn ġol-kitla, ballata ta' l-idejn mill-moderni, għaxar taptipiet ħfief fuq kull ħofra, u tlaqna! Almenu jistgħu jballtuh it-trakkijiet u l-"*buses*" li jgħaddu, anke jekk nimlew kullimkien bl-għabra u ż-żrar li jinqala'! Il-problema tal-ħofor fit-triq ġiet solvuta bil-qawl malti: "Traqqa l-pannu bil-qargħa aħmar" sa ma tagħmel l-ewwel xita! Tgħid fi Brussels hekk jagħmlu?!

X'ħin tara kummiedji bħal dawn, ikollok għax tgħid: MIN QAL LI PAJJIŻNA HU 'PAJJIŻ TAL-*MICKEY MOUSE*"? MA TARAX!!! ISSA DĦALNA FL-EWROPA! X'jonqosna?!...

## *SENA U NOFS ŻGUMBRATA*

Irċivejna ittra mingħand qarrej tagħna li tgħid hekk: "Fi Triq Putirjal, ir-Rabat, inqalgħet il-bankina xi sena u nofs ilu. Sal-lum din għadha maqlugħha; mhux biss, imma wkoll żgumbrata b'ħafna knaten tal-bini tant li ħadd ma jista' jgħaddi minn fuqha. In-nies qed jgħaddu mit-triq fuq in-naħa ta' barra ta' karozzi pparkjati, bil-periklu tat-traffiku għaddej kontinwament. Ma nistax nifhem kif u għaliex qed iħallu diżordni u żgombru bħal dan ġol-qalba tar-Rabat, li barra li jkerraħ, huwa wkoll ta' periklu għal tant nies, anke ħafna turisti, li jgħaddu kuljum minn Triq Putirjal għall-"*Bus Terminus*". Veru għarukaża!..."

Dan hu każ ieħor ġenwin u ilment ġust minn ħafna li jaslulna dwar abbużi, traskuraġni u stonaturi oħra fil-gżira li xi ħadd kien sejħilha "vetrina turistika"! Meta l-Kunsilli Lokali ser jibdew jagħtu każ bis-serjetà ta' żgumbrar ieħor fuq il-bankini: imwejjed u siġġijiet, kaxxi tal-birra u tas-"*soft drinks*" fuq xulxin, kaxxi vojta u żibel ieħor barra l-ħwienet, landi u bramel bil-"*garbage*" jinten pesta, eċċ, eċċ.! Ara kieku l-"*wardens*" jibdew jagħtu "*tickets*" ta' Lm 5 fuq żgombru ta' ħmieġ u imbarazz fuq il-bankini, kieku żgur li l-Kunsilli Lokali jagħmlu fortuna...!

## *INTIETEF U FTIETAQ GĦAWDXIN...*

1. Veru li l-Kunsill Lokali tan-Nadur ser iġib kardinal għal konferenza u karnival li ser isiru hemmhekk? Hekk ġie rrapurtat fil-"*Ġens Illum*" ta' l-14 t' Awissu. Jekk dan hu minnu (kif ikkonfermawlna nies min-Nadur stess!), mela tassew, kif kiteb xi ħadd f'ġurnal lokali, "Għawdex qed ninqdew bil-kardinali biex nuru kemm aħna fanfaruni fil-festi parrokkjali, u wasalna wkoll biex nirridikolaw ruħna u lill-Knisja ta' Kristu fl-aktar ċelebrazzjonijiet purament pagani u mondani li għandna fi gżiritna!" Tassew dawn praspar li ssibhom f'Għawdex biss!

2. Għaliex il-maġġoranza tan-nisa għawdxin isuqu l-karozza bil-mod f'nofs it-triq, anke fejn tkun arterja prinċipali b'żewġ "*lanes*"? Biex jagħtu eżempju tajjeb ta' sewqan kalm? Biex jesprimu l-vanità femminili tagħhom ħalli jidhru sew? Jew biex ma jħokkux mal-ħajt jew ma' xi ħadd? Xi ħadd weġibni: Biex iġagħluni nidgħi!!

3. Ta' min hu t-tort li mill-Protokol Taljan ta' 30 miljun Euro għal toroq ġodda, f'Għawdex mhu se jsir anqas xiber wieħed biss ta' triq ġdida minn tliet "*lots*" li diġa' ġew determinati f'Malta? Jew it-toroq tagħna għadhom tajbin ħafna?!



4. Qatt għaddejt minn Triq Borg Olivier, bejn it-Triq ta' l-Isptar u l-*Parking Lot* fir-Rabat, bejn it-8.00 am u nofsinhar? Ara jirnexxilekx li tgħaddi bil-karozza bla ma tħokk ma' xi ħadd ipparkjat bl-addoċċ, jew taqsam it-triq bla sogru kbir li tiġi mtajjar! Din it-triq "*two way*"(!!) spiċċat biex minnha tgħaddi karozza waħda biss min-nofs (fuq id-"*dividing line*") minħabba "*double parking*" fuq iż-żewġ naħat! Messhom semmewha "Triq Babilonja"!!

L-INTERVISTA

# Fil-Qala: Tifkiriet tal-Imgħoddi b'ħarsa lejn il-Ġejjieni

**Dun Eddie Zammit jintervista lill-Kan. Dun Karm Refalo, Arċipriet tal-Qala.**



***Din is-sena l-Parroċċa tal-Qala ċċelebrat festa speċjali b'tifkira tal-50 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-Kunċizzjoni, u tal-100 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali. X'relevanza storika u spiritwali għandhom dawn il-ġrajjiet għall-komunità parrokkjali tal-Qala?***



Kull ġrajja li titfakkar għandha skop li twassal l-ispirtu awtentiku li għalih tkun saret. 50 sena ilu kienet ġiet iddikkjarata sena Marjana biex jitfakkar il-100 sena mill-Proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Immakulat Konċepiment. Is-Santwarju ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, li għandu rabta mal-Kult Marjan fil-gżira tat-tlett għoljiet, kien ċentru ta' ħafna pellegrinaġġi li f'dik is-sena ġew iżuru lill-Madonna u jitolbuha. Fl-1 t'Awissu ta' l-1954 fil-pjazza ewlenija tal-Qala, fil-preżenza ta' mistednin speċjali u folla impressjonanti, ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata. Din is-sena, il-parroċċa tagħna, preċiżament fit-8 ta' Mejju fakkret l-ewwel 100 sena mid-Dedikazzjoni tal-Knisja Arċipretali tal-Qala. Ir-relevanza spiritwali ta' dawn il-ġrajjiet dehret mill-programm pastorali li matul is-sena għen biex jiġġeddu l-Għaqdiet u l-Komunitajiet, jingħata nifs ġdid lill-formazzjoni nisranija, kif ukoll ħidma vokazzjonali, ħidma b'risq il-familji u ż-żgħażagħ, partikularment lejn dawk li tbiegħdu mill-Knisja.

***Fil-programm għamiltu enfasi fuq evanġelizazzjoni ġdida, fuq kull livell tal-ħajja parrokkjali. X'inizjattivi ħadtu matul is-sena u x'rispons kellkom għall-inizjattivi tagħkom?***



Dan kien faċli minħabba li minn sena għall-oħra l-enfasi ingħatat lill-Katekeżi, lil-Liturġija u lill-Karità. Matul is-snin diversi lajċi ħadu formazzjoni tajba allura llum il-Komunità Parrokkjali qed tħaddem diversi ministeri li fihom l-insara jiddedikaw ħin, enerġija u kariżmi għall-qadi fil-Knisja. Jekk insemmu l-aspett ta' ġenerożità li għaliha n-nies tal-Qala huma magħrufa, ta' min ifakkar li fil-ħmistax il-ġurnata tal-festa biss inġabru mal-Lm2000 li minnhom saru 3 boroż ta' studju fil-missjonijiet u l-bqija ngħataw lill-familja fil-bżonn flimkien ma' għotjiet lil Dar Ġużeppa Debono u *r-Respite Centre*. Qed insemmi aspett konkret ta' kif wieħed jista' jieħu inizjattivi li jintlaqgħu tajjeb, anke f'jiem tal-festa.

***X'motto għażiltu għal dawn il-festi? U x'għanijiet xtaqtu li jintlaħqu bil-programm tal-festi?***

Il-motto magħżul għal din is-sena partikulari kien "Ġebel Ħaj fi Knisja Ħajja" li juri mixja kontinwa li ssir fi ħdan il parroċċa biex ikollna membri adulti fil-Knisja ta' Kristu.

Jien inħoss li l-għanijiet m'għandhomx ikunu marbuta ma' ftit ġranet tal-festa, imma għandhom ikunu inseriti fil-Pjan Pastorali Kwinkwennali kif adattat fi ħdan kull Parroċċa. Fid-diskors li għamilt fl-okkażjoni tal-ftuħ tad-Dar Parrokkjali l-Ġdida, nhar it-Tnejn 26 ta' Lulju 2004, kont għidt li aħna dejjem konna attenti għal dak li jiġri "l-għada tal-festa", ċioè, il-ħajja tal-Parroċċa lil hinn mill-festa. Ġeneralment meta l-festa tmur sewwa għandek is-sena kollha fejn tista' taħdem il-pastorali sewwa. Madankollu l-festa ħarġet ħafna l-element ta' kooperazzjoni bejn l-Għaqdiet u l-Kumitati li ħadmu id f'id miegħi. Ħareġ ukoll is-sens ta' appartenenza għall-Komunità min-nies tal-Qala kollha, fejn anke dawk li huma mbegħda, fil-jiem tal-festa, b'xi mod iħossuhom appartenenti għal din il-Komunità.



***Fil-programm ta' ċelebrazzjonijiet poġġejtu enfasi qawwija fuq il-katekeżi u l-evanġelizzazzjoni. Liema kienu dawk il-mumenti partikulari li permezz tagħhom ħassejtu li l-Kelma t'Alla qegħdha tiġi mxandra u milqugħa?***

Xi ħaġa li rnexxiet kienet is-*Symposium* li sar fuq firxa ta' diversi ġimgħat fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni. Intgħażlet it-tema: "Ma' Marija membri ħajjin fil-Knisja ta' Kristu". L-attendenza għal dawn il-laqgħat kienet inkoraġġanti, tant li man-nies tal-Parrroċċa ingħaqdu diversi Saċerdoti u lajċi Għawdxin. Dan infetaħ mill-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex u ingħalaq mill-E.T. Mons. Luigi Bommarito, Arċisqof Emeritus ta' Katanja. Ċelebrazzjoni oħra li ntlaqgħet tajjeb kienet it-talba għall-Għaqda fil-preżenza ta' rappreżentanti ta' reliġjonijiet bis-sehem tal-Kor Santa Monica (Malta) u San Ġużepp (Qala). Għal din l-okkażjoni ġew mistiedna r-residenti Maltin u barranin f'Għawdex.

***Proġett li ser jibqa' monument ħaj ta' dawn il-festi hija l-inawgurazzjoni tad-Dar Parrokkjali l-ġdida. X'inhi l-missjoni li ser taqdi din id-dar fi ħdan il-parroċċa?***



Kien providenzjali li d-dar tal-mibki Dun Mikiel Buttigieg inxtrat mill-Parroċċa bil-kunsens tal-Presbiterju Parrokkjali u l-għajnuna tal-Kurja Djoċesana. 50 sena ilu nġabret kuruna tad-deheb li tpoġġiet fuq ras ix-xbieha għażiża tal-Kunċizzjoni, filwaqt li 25 sena ilu sar l-Istellarju. Din is-sena ħsibna li flok deheb jew fidda inħallu bħala tifkira ħajja, Dar Parrokkjali Ġdida li ser tilqa' fiha l-formazzjoni nisranija taż-żgħar u tal-kbar. Din id-Dar hija mgħammra b'sala mdaqqsa, 6 klassijiet, bitħa u ġnien kbir. Ser tkun attrezzata b'*Media Room* u faċilitajiet oħra għall-katekeżi fi żmienna. Din id-Dar hi frott ta' ħafna volontarjat u ġenerożità li deher fil-bini tagħha. Ta' min irodd ħajr lil dawk kollha li ħadmu bla waqfien biex din il-ħolma ssir rejaltà u hekk il-Parroċċa tal-Qala tista' tgawdi minn tifkira ħajja għall-formazzjoni nisranija. Il-festa għaddiet u ħafna affarijiet marru magħha, imma din id-Dar ser tibqa' bħala monument ta' din is-Sena Ċentinarja. Nhar it-Tnejn 26 ta' Lulju 2004, din id-Dar infetħet mill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Jose' Saraiva Martins u tbierket mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex.

***Mument sabiħ f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kienet il-Velja Marjana li ġiet organizzata fil-pjazza prinċipali. X'kien hemm partikulari f'din il-Velja biex dawk li pparteċipaw fiha ħassewha bħala avveniment ta' min jibqa' jiftakar?***

Biex jitfakkar il-50 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru devot u meqjum fis-Santwarju Nazzjonali tal-Kunċizzjoni, ġiet imħejjija Velja Marjana b'talb għall-Paċi. Fiċ-Ċirkulari mogħtija mill-Kurja Veskovili nhar l-1 ta' Lulju 2004, Mons. Isqof fakkar din il-ġrajja li seħħet u qal: "Nistieden b'mod speċjali lill-insara tad-Djoċesi biex jieħdu sehem waqt Velja ta' Talb għall-Paċi li fiha ser ikun hemm Konċelebrazzjoni u



Pellegrinaġġ bix-Xbieha tal-Madonna. Din sejra tinżamm nhar it-Tlieta 27 ta' Lulju mis-6.30p.m. 'il quddiem fil-Pjazza tal-Qala." Wara li nqrat iċ-Ċirkulari fil-Knejjes tad-Djoċesi u appelli oħra li saru permezz tal-media, il-poplu rrisponda bi ħġaru tant li sa minn kmieni wara nofs inhar bdew jaslu pellegrinaġġi minn kull rokna ta' Malta u Għawdex. Il-folla li nġabret, semgħet il-Kelma ta' Alla, ħadet sehem fl-Ewkaristija u wara f'Pellegrinaġġ bil-kwadru devot ta' Immakulata Kunċizzjoni kif kien sar 50 sena ilu. Ser inżid kumment li għamlitli waħda mir-residenti barranin li hija ta' reliġjon differenti minn tagħna. Din il-persuna ċemplet l-Uffiċċju Parrokkjali biex tgħidilna li attendiet għall-Velja tal-Paċi u baqgħet impressjonata bit-talb u l-ġabra li kien hemm u qalti: "Kemm inħoss nuqqas tal-figura materna fir-reliġjon li nħaddan". Talbitni jekk dak inhar stess filgħaxija setgħetx tiġi fil-knisja u tingħaqad magħna fit-talb lil Alla.

***Fil-ħarġa speċjali ta' "Leħen il-Qala" hemm dokumentata lista twila ta' attivitajiet u proġetti li saru fil-Parroċċa matul l-aħħar snin. Fil-festa b'xi mod xtaqtu tiċċelebraw dan ukoll. Kemm hu possibbli li l-Parroċċa tibqa' miexja b'dan ir-ritmu ta' evanġelizzazzjoni li tagħti kas il-ħtiġijiet tal-Knisja lokali u universali?***

Ma nistgħux ma nroddux ħajr lil Alla għal dak kollu li għamel mal-Komunità Parrokkjali tal-Qala, liema radd il-ħajr esprimejnih f'ċelebrazzjoni ta' ferħ. Issa li l-festa għaddiet u kollox għal grazzja t'Alla mar b'wiċċ il-ġid, il-ħajja tal-Parroċċa trid titkompla. F'Ottubru li ġej tibda tiffunzjona d-Dar Parrokkjali l-Ġdida b'għajnuna kbira għall-formazzjoni u l-katekeżi nisranija. Din is-sena wkoll qed inroddu ħajr lil Alla għall-ħidma vokazzjonali li ssir fil-Parroċċa tagħna. Meta xi ħadd miż-żgħażagħ tagħna jwieġeb għas-sejħa tal-Mulej, dan ikun l-isbaħ rigal għall-Komunità Parrokkjali. Il-ħtiġijiet tal-Knisja lokali u universali jibqgħu marbuta mas-servizz kontinwu li s-saċerdoti flimkien mal-lajċi jwettqu fi ħdan il-Knisja.



***X'tifkiriet tixtieq li jibqgħu f'qalbek u f'qalb il-komunità kollha mill-festi li ċċelebrajtu matul din is-sena?***

Il-festa kienet kbira mhux minħabba ċelebrazzjoni esterna li setgħet kienet kbira bħal ma tkun f'okkażjoni Ċentinarja, imma fuq kollox għaliex il-poplu tagħna wera li għandu qalb kbira, sens ta' solidarjetà, rispett u kordjalità. L-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Josè Saraiva Martins, li għandu rabta partikulari mar-raħal tal-Qala, stqarr li ' ... jammira l-ħajja tal-komunità Nisranija ta' din il-parroċċa, komunità li hija ħajja fil-fidi u li m'għandhiex biża' tesprimi l-fidi tagħha. Din il-komunità Nisranija tfakkarni dejjem fl-ewwel komunitajiet insara, fejn kien hemm relazzjoni tajba ħafna bejn is-saċerdoti u l-Insara ... fejn kulħadd hu dispost jgħin lil min hu fil-bżonn, kemm bżonnijiet spiritwali u materjali". Dan kollu ħareġ fil-kelmiet ta' stqarrija kif rappurtati fil-gazzetta *Il-Ġens Illum* tal-31 ta' Lulju 2004, liema kelmiet jitolbu impenn min-nies tal-Qala u minn kull nisrani għas-snin li ġejjin!

LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA

Minn Ġorġ N. Cassar

# DAL-BIŻA' KOLLU GĦALFEJN?

*Carlos Valles, ġiżwita li għamel żmien missjunarju l-Indja, ħareġ ktieb fuq il-biża' li huwa jittimbrah bħala l-agħar emozzjoni li jġarrab il-bniedem. Dal-ktieb "Do not fear", miktub bi stil mirqum, jiftaħ b'rakkont li l-awtur ra jseħħ meta nzerta għaddej fuq ir-rota fil-kampanja. Madwaru, in natura kienet qed tongħos fil-ħemda; l-anqas l-iċken werqa ma kienet tiċċaqlaq. Fid-daqqa u l-ħin jilmaħ kobra fil-ħaxix, nofsha mkebba fuqha nfisha, b'rasha merfugħa 'l fuq, b'ilsienha jlebleb 'il barra, tħares ċass lejn għasfur imperreċ fuq fergħa ftit 'il fuq minnha. Dan l-għasfur seta' bl-iċken sforz itir fil-beraħ tas-sema, imma ħej, baqa' hemm, qisu bla ħajja. Il-kobra donnha kienet tefgħet bħal seħer fuqu. Kien jonqos ħaġa waħda: tagħti daqsxejn ta' salt u tibilgħu. Il-patri xejjer dirgħajh u għamel xi ħoss b'ħalqu, u mal-ħoss, il-kobra ħarset lejh bir-rabja f'għajnejha u baxxiet rasha 'l isfel. F'ħakka t'għajn l-għasfur stejqer, farfar ġwenħajh u sab ruħu ħieles u salv. Hekk kif tajjar il-biża' minn fuqu, dak is-seħer tal-mewt għab u spiċċa fix-xejn.*




Nibqgħu l-Indja nimirħu fid-dinja ta' l-annimali. Tirrakkonta waħda mill-ħrejjef Indjani li darba kien hemm ġurdien li kienu jaqbduh dwejjaq kbar minħabba l-biża' li kellu mill-qattus. Intebaħ bih wieħed saħħar u tħassru. Biex ifejqu mill-ansjetà li kellu fuqu ,malajr għamlu qattus. Imma mgħarraq li hu, hekk kif sar qattus, qabad jibża' mill-kelb. Is-saħħar reġa' ġietu ħniena minnu u biddlu f'kelb. Ġara li issa beda jibża' mill-pantera. Is-saħħar baqa' jieħu paċenzja bih u minnufih biddlu f'pantera. Oħroġ il-għaġeb, xorta baqa' vittma tal-biża'. Issa beda jibża' mill-kaċċatur. Hawnhekk is-saħħar tilef sabru u reġa' għamlu ġurdien. "Lilek għalxejn nipprova ngħinek," qallu mdagħdagħ. "Int fik hemm tħabbat qalb ta' ġurdien".

## Biża' ġustifikat

Il-biża' jaħkem fuq l-annimal daqskemm jaħkem fuq il-bniedem. Huwa stat emozzjonali li mhux la kemm teħles minnu. Tabilħaqq il-biża' huwa istintiv, jiġi fuqna b'mod spontanju u jservina ta' tarka biex noqogħdu b'seba' għajnejn meta niġu wiċċ imbwiċċ mal-periklu. Il-biża' li jaqbadna f'xi ċirkostanzi tal-ħajja ikun x'aktarx ġustifikat. Min jgħid u jiftaħar li ma jibża' minn xejn huwa iblah daqs min jibża' minn kollox. Kellu raġun wieħed filosfu mil-Lvant jistqarr li min jgħid li qatt ma beża' x'aktarx li qatt ma ażżarda jitfi xemgħa b'subgħajh.

Jibża' l-pazjent hu u dieħel għall-operazzjoni għax it-tobba qalulu li jista' jibqa' taħtha. Tibża' l-omm hi u twelled u l-biża' jibqa' jdellel fuqha sakemm tilqa' fi ħdanha t-tarbija qawwija u sħiħa. Jibża' l-anzjan li jgħix waħdu għax jaf isib min jidħol fuqu għal għarrieda, jisirqu , u għandu mnejn jitfiħielu. Saħansitra t-tirann li jwerwer lil kulħadd tarah beżgħan, bl-għassa miegħu lejl u nhar, bilkemm jissogra jorqod żewġ iljieli fuq xulxin fl-istess sodda. Anki Ġesù beża' meta kien fl-ort tal-Ġetsemani u ra

xi ħruxija selvaġġa kien hemm lesta għalih. Jibża', m'hemmx dubju, min ikollu l-faħam miblul. Il-qattiel jista' jmur jaħsel idejh għal ma nafx kemm-il darba bħalma għamlet Lady Macbeth fid-dramm ta' Shakespeare; il-kuxjenza mhux la kemm issikkitha. Il-biża' tal-kastig, f'did-dinja jew fl-oħra, bilkemm iħallik tagħlaq għajn m'għajn. Naqraw fil-Ġenesi li hekk kif Adam intebaħ li dineb, mar jinħeba għax beża' minn Alla.

## *Il-biża' fit-tfal*

Il-biża' jaħkimna sa minn ċkunitna. It-tfal, mhux biss jibżgħu,imma anki ġie li jitwerwru. Jibżgħu mid-dlam, mill-ħsejjes kbar li jaħsduhom, mill-uċuħ ġodda, saħansitra minn affarijiet innokwi jew immaġinarji. Jiġu ħinijiet fuqhom meta jħossu nuqqas ta' sigurta' u dan-nuqqas jissarraf f'biki u f'biża'. Il-gwaj jikber jekk min qed jieħu ħsiebhom ibeżżagħhom bil-babaw jew jitlaqhom fid-dlam. Dik iċ-ċajta li tagħmlilhom biex taħsadhom tista' tħalli marka fuq il-moħħ tari li ż-żmien mhux la kemm itaffiha. Fil-fatt issib tfal imfarfrin li jibqgħu jġorru fuqhom it-tagħbija tal-biża', jibqgħu jdaħħlu ħafna flieles ġo moħħhom li jħawduhom u jfixkluhom. Biża' bla bżonn.



Mal-ħamsin sena ilu, ir-rumanzier Ingliż Graham Greene kien ħareġ dramm jismu "The Living Room". Dad-dramm jitratta dwar familja kbira li l-membri tagħha għaddew ħajjithom ossessjonati bil-biża' tal-mewt. Ġara li dil-familja spiċċat tgħix f'kamra waħda; kull darba li jmut xi ħadd minn tal-familja, dik il-kamra fejn miet kienet tingħalaq darba għal dejjem. Il-bniedem jibża' daqshekk mill-mewt għax, fi kliem Fulton Sheen, huwa jħoss li s-sigurtà temporali tiegħu sa tispiċċa f'insigurtà eterna.

Bħall-karattri ta' dad-dramm bosta jippersegwitaw lilhom infushom u jgħaddu ħajjithom imxekkla ħtija tal-biża' tal-mewt u ta' mitt elf ħaġ'oħra. Dal-biża' persistenti lil dak li jkun iċajparlu moħħu, jgħajjih, imarrdu u jġennu. Jaħkmu kif ħakem lill-għasfur li baqa' ċċassat quddiem il-kobra. Tiltaqa' ma' nies timidi minn qaddishom, nies li jibżgħu minn dellhom, għax fihom tibqa' tħabbat qalb bħal dik tal-ġurdien tal-ħrafa. Bħal Don Abbondju tal-Manzoni, tant jibżgħu għal ġildhom li l-lupu jibdew jarawh akbar milli hu. Isiru bħad-denb tat-tajjar li kif ngħidu bil-malti jibża' min-nar.

Hawn min imbagħad, bla ma jaf kif u għaliex,



jinħakem f'morsa ta' biża' qawwi u fl-istess waqt irrazzjonali, biża' anormali u psikiku li nafuh bl-isem ta' fobija. Teżisti lista ma tispiċċa qatt ta' fobiji li fis-seklu dsatax kienu kklassifikawhom u tawhom ismijiet kemmxejn bombastiċi bil-latin u l-grieg , fosthom biex insemmi tnejn, akrofobija u klawstrofobija. Hemm fobiji sempliċi bħall-biża' mill-għoli jew mill-annimali, u fobiji soċjali , meta dak li jkun jibża' li jaqa' għaċ-ċajt u joħroġ ta' mażetta quddiem in-nies. Wieħed jaf ikun jibża' mil-wirdien għax fi ċkunitu kien dejjem jara lil ommu tibża' minnhom qisha lemħet ix-xitan; il-biża' tagħha tkun infettatu lil binha jew bintha; jew inkella jkun għadda minn xi esperjenza morra u baqa' għomru u żmienu jhewden biha.

## *Kumpless ta' inferjorità*

Matul il-karriera tiegħi ta' għalliem, l-iktar biża' li kien jagħtini ġewwa kien il-biża' li jbatu bih għadd kbir ta' studenti, kbar u żgħar. Tarahom jintelqu, donnhom m'għandhomx b'ħabba fiduċja fihom infushom. U dan x'aktarx ħtija tal-kummenti niggieża - li jkunu xebgħu jisimgħu jżarżru f'widnejhom - minn min suppost qiegħed hemm biex jedukahom . Jibdew minn kmieni jiddubitaw mill-kapaċità tagħhom, jibżgħu li ma' kull pass li sa jmiddu sa jagħmlu froġa; għalhekk jingħalqu f'qoxrithom għax jitnaffru mill-iżball. Jagħmlu bħal dak il-qaddej bla fejda li mar jaħbi t-talent tiegħu fid-dlam. Jimirdu b'kumpless ta' inferjorità li jibqa' jitrod warajhom sa meta jixrafu. Biex inkunu għidna kollox, issib fosthom min imur fl-estrem l-ieħor u jibda jilgħabha tal-bravu, donnu jrid jagħtik l-impressjoni li huwa superjuri għal ħaddieħor. Aktar ma jkun vojt minn ġewwa, aktar tarah jiżżarġan; ifakkrek fis-sbula li aktar ma tkun battala, aktar tgħolli rasha 'l fuq.

Qed taħbat ma' moħħi bħalissa l-mistoqsija li għamel Ġesu' lill-appostli meta telgħu fuq dgħajsa u nqabdu f'maltempata : "Dal-biża' kollu għalfejn ?". Dic-canfira tgħodd għal bosta nies li jtertqu qalbhom għal xejn b'xejn, li jżommu ruħhom lura għax minn għalihom mhux ħlief jixgħel l-aħmar madwarhom. Il-ħsieb li t-tmun tad-dgħajsa tagħna qiegħed f'idejn Alla għandu jagħmlilna l-qalb. Ta' min jiftakar u jfakkar it-twissija li nsibuha ,jekk m'iniex sejjer żmerċ, f' qawl russu:

"Meta għandek lil Alla miegħek, tista' timxi fuq il-baħar; mingħajru, ara ma jfettillekx tixref mill-għatba 'l barra ".

# Għaqda tal-Għaqdiet

Minn ANTOINE VASSALLO
(President ta' l-Assoċjazzjoni ta' Għaqdiet mhux Governattivi Għawdxin)



***Ma nkun ngħid xejn ġdid meta nsemmi kemm hawn organizzazjonijiet f'Għawdex li jagħmlu ħidma volontarja, mifruxa fuq l-oqsma kollha. Il-barranin ngħaġġbuhom bin-numru ta' voluntiera fid-daqsxejn ta' gżira tagħna! Mhux l-ewwel darba, iżda, li ġie nnotat li hawn bżonn iktar koordinament: anki jitnaqqas ċertu sparpaljar ta' riżorsi.***

Kien għalhekk żvilupp importanti dak li seħħ fl-1 ta' Awissu 2003: it-twaqqif ta' assoċjazzjoni li, kif jgħid l-istatut maqbul dakinhar, tiġbor l-organizzazzjonijiet volontarji non-governattivi ("NGOs") bażati f'Għawdex li jaħdmu għat-tisħiħ tat-tessut soċjali.

Din l-inizjattiva ħarġet mill-Ministeru għal Għawdex, anzi ma nkunx nesaġera niddeskriviha bħala "ħolma" tal-Ministru Debono. Għamlet ħafna kuntatti u ssejħu diversi laqgħat preliminari sa x'ħin inbena abbozz ta' statut. Fl-aħħar is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru sejjaħ din il-laqgħa ġenerali biex isir it-twaqqif uffiċjali u l-elezzjoni ta' l-ewwel Kunsill.

Hemm tliet kategoriji jew "gruppi" ta' għaqdiet bi skopijiet jew għanjiet simili: filantropija, kultura u sport. Ta' l-ewwel jiġbor l-għaqdiet li jagħtu kull tip ta' għajnuna lil persuni bi bżonnijiet permanenti jew temporanji (inkluż mard fiżiku u mentali, u problemi soċjali). Il-Kultura tilqa' fiha korijiet, baned, hobbies, il-palk, arti ecċ. L-aħħar grupp jgħaqqad organizzazjonijiet li jippromwovu kull tip ta' attività jew interess sportiv (individwali u *teams*). Ta' min jinnota li proporzjon qawwi ġejjin mill-parroċċi jew almenu għandhom ispirazzjoni nisranija ċara.

Dawk preżenti minn kull grupp ivvutaw biex jgħażlu tliet rappreżentanti. Immedjatament wara saret l-ewwel laqgħa tal-Kunsill biex jiġu eletti t-tliet karigi mitluba mill-istatut, li ovvjament jagħti setgħa għall-ħolqien ta' oħrajn, kif ukoll ta' sottokumitati.

Il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-NGOs Għawdxin preżentament hu kompost minn: Carmel Ballucci, Dun Ġorġ Borg, Dun Manwel Cordina (Segretarju), George Cremona, Kevin Cutajar (Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi), Dun George Frendo, Noel Grech (Teżorier), Mario Saliba (Viċi President) u Antoine Vassallo (President).

Il-Kunsill qiegħed jiltaqa' almenu darba fix-xahar u diġa qatta' sigħat twal biex jibni Pjan ta' ħidma favur l-għanijiet prinċipali ta' l-Assoċjazzjoni. Irid jinkoraġġixxi l-koperazzjoni bejn l-għaqdiet u jippromwovi l-interessi tagħhom. Irid jirsisti biex jiżdiedu l-faċilitajiet u jistudja x'inhuma l-bżonnijiet. Irid iwassal lill-awtoritajiet rakkomandazzjonijiet li jkunu ta' benefiċċju għall-iżvilupp ta' l-aspetti soċjali ta' Għawdex.

L-Assoċjazzjoni għandha għad-dispożizzjoni r-riżorsi taċ-Ċentru ta' l-NGOs li jinsab fi Triq il-Madonna tar-Rummiena (maġemb iċ-Ċimiterju tax-Xewkija). Dan ikun



miftuħ bejn wieħed u ieħor mit-8 ta' filgħodu sat-8 ta' fl-għaxija kuljum, u l-mira hi li jintuża għal ħinijiet itwal. Fih żewġ swali u joffri anki fotokopjar sussidjat. Hemm il-ħsieb li l-għaqdiet ikunu jistgħu jużaw librerija ta' riferenza, l-internet u saħansitra l-*videoconferencing*.

Il-Kunsill ingħata wkoll l-amministrazzjoni ta' l-iskema ta' *grants* li ilu xi snin iqassam il-Ministeru. Iżda l-għajnuniet mogħtija jridu jitwessgħu għal per eżempju korsijiet ta' formazzjoni u informazzjoni. Żgur li jista' jippromwovi kuntatti internazzjonali u, ngħidu aħna, il-parteċipazzjoni fi "proġetti" li jgawdu minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea.





Infatti bdiet tinġabar informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet: ħarġet applikazzjoni ġdida li toffri għażla bejn sħubija sħiħa u dik assoċjata u tħalli spazju għal dettalji dwar ix-xewqat tagħhom. Dan id-*database* hu neċessarju biex jiġu stabbiliti prijoritajiet, titnaqqas id-duplikazzjoni żejda u tiżdied il-kollaborazzjoni.

Hemm xi għaqdiet li ma tawx kas li r-reġistrazzjoni ta' qabel ma hix se tibqa' valida. Għalhekk inħeġġeġ lil dawk li għad ma għamluhx biex jimlew l-applikazzjoni, li tinġabar mill-*NGO Centre*. Iżda essenzjali ukoll li jibdew joffru s-suġġerimenti u jkunu lesti biex jieħdu sehem attiv f'din il-mixja ambizzjuża!


SALIBA INTERIORS

**Għal xogħol ta'**
**Gypsum, Żebgħa fuq ġewwa,**
**Partitions, Bulkheads, Coving,**
**Soffitti, Parquet Flooring.**
**Contact Raymond Saliba**
**Mob: 7970 2274**




TA' KENUNA
Bar & Restaurant

*Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices*

Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645

Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.

# Is-Sajf Għawdxi

**VERSI RIFLESSIVI**



*Dara' issa s-Sajf Għawdxi*
*jidħollok mgħaġġel, jilheġ,*
*ħalli ma' pass il-ħajja*
*ilaħħaq bla jinfileġ.*

*Jidħol bi ħġaru mimli*
*iferra' l-ferħ misten[illegible],*
*fuq dawk li jħobbu l-festi,*
*ħa l-ġenna tagħhom jħenni.*

*Jaħdimlek b'ħiltu kollha*
*ħa jpaxxi lil kulħadd,*
*sew jekk iddoqq fil-banda,*
*kemm biex tilgħaq ġelat.*

*Iservi 'l min jiffanga,*
*l-istonku b'ikel jgħabbi,*
*jew b'xorb irqiq, li bilġri,*
*mill-vini, fir-ras jgħaddi.*

*Kuntent fil-knisja ssibu,*
*ma' min mużika jiggosta,*
*jew jaħraq nar tal-ajru,*
*bomba, kulur, bil-bosta.*

*Araħ iżur il-baħar,*
*xtajtiet mimlijin għors.*
*Jaf jgħum, jaqbeż, jindilek.*
*Tħares bla trid, bil-fors!*

*Jidħak b'min ma jmissx m'ilma,*
*jixxemmex sigħat sħaħ,*
*bħal serp, xaħmet, gremxula,*
*bla jimpurtah min raħ.*

*Jiddellel taħt umbrelel*
*iħokku ma' xulxin[illegible]*
*iteftef minn ġol[illegible]laq,*
*ma' ktieb jilgħab [illegible]*

*Sikwit 'l Għa[illegible]*
*b'ġemgħat ta' ba[illegible]*
*ma' numru dejjem ji[illegible],*
*ta' ħutna, ulied Maltin.*



*Tant kemm jimlieh b'karozzi,*
*kull arterja jifgalu,*
*sa jħoss nifsu jinqata'*
*bi dħaħen li jbellagħlu.*

*L-iktar li jħossu gravi*
*hu ħutna w sejrin lura,*
*f'serbut bilkemm jiċċaqlaq,*
*f'riħ triq, bla arja pura.*

*Iħobb is-Sajf ma' bosta*
*iljiel' jgħaddi f' dil-gżira,*
*sas-sebħ f'xi diskow jiżfen,*
*bla ma l-qamar jammira.*

*Mhux hekk, mhux hekk, niftakru,*
*lis-Sajf ħamsin sen' ilu!*
*Kien iktar kalm u ġwejjed.*
*Kien iktar t'idu f'idu.*

*Kienu jsellmu s-sriedaq*
*qabel ma' x-xemx tistenbaħ.*
*Bl-inbieħ kull kelb tal-għassa*
*jurih li bih ġa ntebaħ.*

*Kien jehda ġo xi g[illegible]*
*jisma' k[illegible]tarra tħanxar,*
*ma' l-[illegible]ana [illegible] ġuvni*
*g[illegible]ial[illegible]sk tal-andar.*

*In[illegible]a qril[illegible] baħar,*
*[illegible] kisra [illegible]bż għall-fatra,*
*m[illegible]dwar [illegible]uġġieġa mdaqqsa,*
*għasel [illegible]nzillu l-qatra.*

*Fuq ta' l-Imwiet, dwar siegħa,*
*lejn friexu jerġa' jdur.*
*Ħ[illegible]vienet ta' l-imbid jagħlqu,*
*kulħadd f'daru miġbur.*

*Imma qabel dan, iħakkek,*
*ma' nies ma jistgħux jorqdu,*
*li bit-treddin li jreddnu*
*f'ngħas idaħħluh, jistordu.*

**Francis Sultana**
Għajnsielem

GWIDA GĦALL-PROBLEMI TAL-ĦAJJA NISRANIJA

# Il-Kelma tar-Ragħaj dwar xi problemi ta' żmienna

**Mill-Ktieb tal-E.T. Mons. Isqof Nikol. Ġ. Cauchi "*Il-Kelma tar-Ragħaj*" Vol. VII, Edizzjoni Lumen Christi (2004)**

***Ixtruh - Xerrduh - Aqrawh!***

### *L-obbligu tal-Quddies tal-Ħadd*

Nixtieq li nerġa' nfakkar fid-dmir ta' l-insara li jħarsu l-Ħdud u l-festi kkmandati bl-obbligu li jissieħbu fil-quddiesa. Iżda qabel xejn, nixtieq irrodd ħajr lil Alla li fi gżiritna, il-kotra l-kbira tan-nies f'jum il-Ħadd jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika u ma jagħmlux xogħol li ma għandux isir f'dik il-ġurnata. Hija ħaġa sabiħa, li n-nisrani li nhar ta' Ħadd iqim 'l Alla bil-Quddiesa, ikun jaf x'inhu jagħmel u jifhem dejjem aħjar it-tifsira ta' dan l-att ta' kult. Il-Kattoliku li jwettaq dan id-dmir ikun jirrikonoxxi pubblikament li Alla huwa l-Missier tiegħu u li lejh għandu dejn ta' mħabba u ta' radd il-ħajr.

### *It-Tliet Imħabbiet*



Kemm hija ħaġa wisq isbaħ illi l-familja kollha tagħraf lil Kristu, u tħobb lil Kristu. U proprju l-*ġenituri* għandhom inisslu f'uliedhom dawn it-Tliet Imħabbiet:

- ♦ L-imħabba lejn il-Bibbja, jew il-Kotba Mqaddsa;
- ♦ L-Imħabba lejn l-Ewkaristija fejn Kristu huwa realment preżenti; u
- ♦ L-Imħabba wkoll lejn il-Knisja, illi tagħha aħna membri; illi aħna wlied spiritwali għax il-Knisja hija bħala Ommna illi tieħu ħsiebna u tmexxina fit-triqat tal-ħajja, biex twassalna fil-mergħat ta' dejjem.

### *Is-sess qabel iż-żwieġ u l-infedeltà*

Nixtieq nikkundanna ċerti fehmiet ħżiena u anti-kristjani li bil-mod il-mod qegħdin jidħlu f'pajjiżna. L-ewwelnett insemmi s-sess qabel iż-żwieġ; dan huwa saħta li tfarrak il-familja qabel ma tibda. Is-sess qabel iż-żwieġ mhux imħabba imma kapriċċ u passjoni: poġġi l-pjaċir qabel id-dmir. Nikkundanna wkoll l-infedeltajiet fiż-żwieġ. Qed jiżbaljaw bl-ikrah dawk l-irġiel u n-nisa li jagħtu kunfidenzi żejda u jittradixxu lil marthom jew lil żwieġhom, xi darba anke ripetutament. Dawn il-ħwejjeġ huma sinjali ta' paganiżmu ġdid għax ma jaqblu xejn mal-Vanġelu ta' Kristu. Min jiddefendi din l-imġieba jkun qed jeħodha kontra Kristu!

### *Il-Privatijiet*



Hemm bżonn li l-ġurnalisti jinvestigaw dwar il-pjaga tal-privatijiet li għandna f'pajjiżna. L-ewwelnett, dan il-fenomenu qiegħed jagħti daqqa ta' ħarta anke lis-sistema edukattiva għax ħafna drabi anke l-istudenti stess, billi jserrħu rashom mit-tagħlim privat, ma joqogħdux attenti għal-lezzjonijiet ta' l-iskola. Wieħed jifhem li jkun hemm min ikollu bżonn ta' għajnuna supplimentari u allura f'każi bħal dawn il-privat huwa meħtieġ. Imma dan ma jfissirx li l-istudenti kollha, fl-etajiet kollha u fis-suġġetti kollha, għandhom imorru għall-privat. Għalhekk il-ġurnalisti hemm bżonn li jagħrfu l-kontribut li jistgħu jagħtu biex ikun hawn kampanja kontra l-mentalità ta' tagħlim privat bla bżonn.

### *Id-Divorzju*

Fatt ieħor li jaffettwa l-kundizzjoni finanzjarja tal-familja huwa d-divorzju. Huma ħafna l-argumenti u l-provi kontra d-divorzju u dak li ġara f'pajjiżi oħra għandu jiftħilna għajnejna. Fil-fehma tiegħi, l-aqwa argument kontra d-divorzju huwa li Alla ma jridux u li l-Knisja tikkundannah. Imma hemm ukoll argumenti soċjali u ekonomiċi. Huwa ppruvat bil-fatti u l-istatistiċi li d-divorzju għandu l-vittmi tiegħu u bħala regola ġenerali dawn il-vittmi huma



t-tfal u l-parti innoċenti li ż-żwieġ tagħna jiġi mfarrak darba għal dejjem bid-divorzju. Imma xi drabi jkun hemm ukoll oħrajn li jbatu minħabba d-divorzju. Jekk għal ċerti rġiel mhux faċli li jmantnu familja waħda, kif jistgħu dawk iddivorzjati u miżżewġa mill-ġdid jipprovdu manteniment lill-familja l-ġdida tagħhom kif ukoll lill-ewwel mara tagħhom u lill-ulied li jnisslu mill-ewwel żwieġ.

## Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.

### *Nikkumbattu tliet tipi ta' immoralità*

#### *1. L-għatx għall-pjaċir*

L-ewwelnett jeżisti għatx għall-pjaċir bla rażan. Ir-rivoluzzjoni sesswali laħqet ukoll lil gżiritna. Għandna ħafna nies, żgħażagħ u kbar, li jaħsbu li jistgħu jagħmlu li jridu. Donnu ma hemmx liġi t'Alla li tikkontrolla l-imġieba tal-bniedem f'kamp. Xi wħud iġegħluk tiddubita jekk huma jemmnux f'Alla għaliex tilfu għal kollox is-sens ta' Alla. Għalhekk tajjeb li kull min huwa responsabbli joqgħod attent biex din il-mixja ma ġġorx magħha l-poplu tagħna. Għandna nagħtu attenzjoni kbira biex nipproteġu lit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna minn dawk it-tentattivi li jsiru biex jiġbduhom lejn dawn il-pjaċiri pprojbiti.

#### *2. Il-mibegħda*

Hemm imbagħad immoralità oħra; il-mibegħda. Hawn ħafna mibgħeda u nuqqas ta' tolleranza. Hawn ħafna ġlied, xi drabi fuq xejn, anke bejn l-aħwa, fl-istess familja, fl-istess raħal jew parroċċa. Għal kull xorta ta' mottiv, hemm nies lesti li jitlewmu, joboghdu u anke jivvendikaw ruħhom malli tiġihom l-okkażjoni. Dan kollu huwa kontra l-preċett ta' Kristu li jgħidilna li għandna nħobbu lil xulxin u għandna naħfru lil min jagħmlilna d-deni.

#### *3. Il-mentalità tal-profitt*

Pjaga morali oħra ta' żmienna hija l-mentalità ta' dawk li għalihom l-uniku kriterju fl-attività tagħhom huwa l-profitt. Dawn il-persuni lesti li jiksru kull tip ta' liġi biex ikunu jistgħu jagħmlu l-qliegħ u jinsew għal kollox l-obbligi li ġejjin mill-virtù tal-ġustizzja u tal-karità. Huwa veru li l-bniedem modern jixtieq jagħmel progress anke fil-qagħda ekonomika tiegħu; iżda l-bniedem li jwarrab fil-ġenb il-valuri nsara, dan il-progress ma jkunx progress veru u ma jkunx jaqbel mad-dinjità tal-bniedem u flok ma jnissel il-paċi fil-qalb, iġib konfużjoni akbar.



Dawn huma kelmiet ta' immoralità li hemm bżonn nikkumbattuhom għax persważ li jagħmlulna ħsara fir-ruħ u fil-ġisem.

### *L-Aids*



Il-Knisja hija inkwetata daqs ħaddieħor bil-problema tal-AIDS u s-soluzzjoni li tipproponi hi, mhux biss l-aħjar waħda imma hija l-unika waħda tajba: jekk wieħed jastjeni mis-sess, jista' jkun ċertissimu li mhux ser jieħu l-AIDS b'kuntatti sesswali.

Il-proposta l-oħra, ċioe l-użu tal-*condom*, l-ewwelnett tmur kontra l-liġi t'Alla għax l-att sesswali, anke bejn il-miżżewġin, għandu jkun miftuħ għall-ħajja; għaldaqstant, iż-żgħażagħ li jużawh jidinbu doppjament għax jagħmlu l-att tas-sess barra miż-żwieġ u t-tieni għax dan l-att sesswali ma jaqbilx mal-pjan tal-Ħallieq.

Ta' min jinnota wkoll illi l-*condom* ma jneħħix il-periklu kollu tal-*virus* tal-AIDS għax huwa fatt magħruf li hemm perċentwali għolja meta l-*condom* ma jagħtix ir-riżultati li għalihom jintuża. Dan ifisser li jien inkun inqarraq biż-żgħażagħ jekk ngħidilhom biex iserħu rashom bl-użu tal-*condom*, meta naf li l-periklu tal-*virus* għad li jonqos xi ftit, jibqa' hemm. Allura l-*condom* mhux rimedju li tista' tafdah kontra t-tixrid tal-marda ta' l-AIDS. Mhux ta' min jinsa li meta jinxtraw l-*condoms*, hemm sfruttament taż-żgħażagħ u ta' persuni oħra li jixtruh u hemm negozju kbir min-naħa tal-multinazzjonali li jipproduċuh.

Effett ieħor żgur mill-użu tal-*condom*, hija dik tal-promiskwita fost iż-żgħażagħ.

### *Skartar waqt ix-xogħol*

Jiddispjaċina ninnotaw li waqt li l-Għawdxin bħala poplu huma magħrufa għall-bżulija tagħhom, però f'ċerti ambjenti, għall-inqas, il-ħeġġa tax-xogħol, ftit jisthoqqilhom tifħir. Min hu onest fil-qadi ta' dmiru jogħġob lil Alla u jistħoqqlu min ifaħħru, iżda min jiskarta x-xogħol jew ma jaqdix kif għandu jaqdi, anke meta hu mħallas, dan qiegħed jagħmel ħażin, għax qiegħed jonqos kontra l-virtù tal-ġustizzja u jistħoqqlu ċanfira.

### *Is-Safà*



Aħna l-insara nemmnu li hemm żewġ kmandamenti li jirrigwardaw is-safà: la tiżnix (VI) u la tixtieqx nisa ta' l-oħrajn (IX). Għaż-żgħażagħ, la tiżnix tfisser ukoll ma tagħmilx użu tas-sess qabel iż-żwieġ. Xi żgħażagħ jistaqsu: "Huwa possibbbli llum li wieħed jgħix is-safà billi jevita relazzjonijiet sesswali?" Jiena konvint li dan huwa possibbli. L-ewwelnett għax hemm ħafna żgħażagħ insara li rnexxielhom jastjenu minn relazzjonijiet sesswali qabel iż-żwieġ. Li kieku din il-ħaġa kienet impossibbli, inkunu ngħidu ereżija għax dan ifisser li Alla qed jikkmandana xi ħaġa li jaf li ma nistgħux nagħmluha.

BOOKMARK

# KTIEB IDEALI GĦAS-SENA EWKARISTIKA

***"Ħsibijiet Ewkaristiċi", Mons. Ġiovanni B. Gauci, Vig. Ġen.; Knisja ta' Savina; Gozo Press 2004, pp.56, Lm1.25ċ***




Ninsabu propju fuq l-għatba tas-Sena Ewkaristika, imsejħa minn Ġwanni Pawlu II, li ser tibda f'Ottubru li ġej u tkompli sa Ottubru 2005. M'hijiex l-ewwel darba li Papa sejjaħ sena Ewkaristika, kif sejjaħ ukoll xi sena iddedikata lil xi Persuna tat-Trinita' Qaddisa jew inkella lill-Madonna . Fl-aħħar mill-aħħar jiddependi minni u minnek,kemm nagħtu widen għal dawn l-istediniet tal-Papa u nirsistu biex, skond ma tkun il-fehma tiegħu, iħallu kotra ta' frott spiritwali fina.

Bħalissa huwa ċar li l-Maġisteru Pontifiċju huwa impenjat fuq riflessjoni teoloġika u pastorali dwar l-Ewkaristija Mqaddsa. Il-frott ta' dan jidher b'mod ċar (i) kemm fl-aħħar enċiklika tal-Papa, *Ecclesia de Eucharistia* li tgħid ċar u tond illi "il-Knisja tgħix bi Kristu Ewkaristiku, minnu hi mitmugħa, minnu hi mdawla (n. 6); (ii) kif ukoll fl-Istruzzjoni *Redemptionis Sacramentum* tal-25 ta' Marzu ta' din is-sena; (iii) u fuq kollox fit-tħabbira tas-Sena Ewkaristika 2004-2005.

Ladarba ż-żewġ għejjun ewlenin ta' l-Ispiritwalità Ewkaristika ġenwina huma s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa u l-Adorazzjoni Ewkaristika – tant marbuta flimkien li waħda twassal għall-oħra – allura, minn dawn l-għejjun irridu nixorbu jekk irridu li s-Sena Ewkaristika tħalli frott fina.

Dan il-ktieb li Mons. Vigarju Ġenerali ħareġ din is-sena, fih għadd ta' riflessjonijiet ewkaristiċi li joffru għajnuna għal min jixtieq jgħaddi almenu ftit ħin quddiem Ġesù fl-Ewkaristija. Ninsab infurmat li l-ktieb diġa' ntlaqa' tajjeb ħafna minn ħafna devoti u m'għandix dubju li jista' jservi ta' sussidju mill-aktar utli għall-adorazzjoni matul is-Sena Ewkaristika li ser nibdew.

Apparti ċ-ċenni storiċi introduttivi għall-Opra ta' l-Adorazzjoni Perpetwa, li din is-sena għalqet mitt sena fil-Knisja ta' Savina, ir-Rabat Għawdex, fil-ktieb issib riflessjonijiet wisq adatti għall-adorazzjoni, kif ukoll għall-meditazzjoni u qari spiritwali, dwar: (i) l-Ewkaristija bħala misteru tal-fidi; (ii) it-Tqarbin; (iii) il-frott ta' l-Ewkaristija f'ħajjitna; (iv) l-Adorazzjoni; u (v) ir-rabta bejn Marija u l-Ewkaristija.

Fil-fehma tiegħi, dak li l-aktar jiġbed lill-qarrejja biex jakkwistaw dan il-ktieb huwa l-fatt li jittratta dwar l-Ewkaristija; huwa sinjal pożittiv ħafna li dan hu suġġett li jinteressa lil bosta. Ma rridx inħalli barra, iżda, żewġ affarijiet oħra: il-ktieb huwa komdu biex iġġorru miegħek, kif ukoll il-preżentazzjoni grafika tiegħu hija tassew attraenti, b'diversi ritratti ta' valur storiku u oħrajn meħuda mill-arti sagra lokali.

**Kappillan Dun Edward Xuereb**

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -127

Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2004

# Tron Ġuratali għall-Matriċi

Id-dokument numru mija u sebgħa u għoxrin li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu traskrizzjoni ta' l-ispiża li saret għal Sede Ġuratali ġdida u ġinokkjatur għall-Matriċi ta' Għawdex. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta ta' l-Universitas* ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1703–1704), folju 29v (NAG, UG, Acta, 9/1703–1704, f. 29v).

Din is-Sede Ġuratale ġdida saret fl-okkażjoni taż-żjara statali f'Għawdex tal-Granmastru Raymond Perellos y Rocaful għall-festa ta' Santa Marija tas-sena 1704. L-ordni biex issir is-sede ġdida ngħatat mill-Granmastru Raymond Perellos permess tas-siniskalk tiegħu. Kien għalhekk li s-sedja saret mill-fondi ta' l-Università. Fl-istess okkażjoni sar ukoll ġinokkjatur ġdid għall-Gvernatur ta' Għawdex.

Din li ġejja hi traskrizzjoni ta' l-ispiża tas-sede u tal-ġinokkjatur:

***Signor Notario Aloysio Grech, giurato e Tesoriero di quest'Università del Gozo receverete l'infrascritto somma che havete speso nella nuova Sedia Giuratale fatta d'ordine di S.A.S. Domine e suo Venerabile Siniscalco già posta nella Veneranda Chiesa Matrice e Colleggiata di quest'isola del Gozo e per il nuovo ginnochatore del Signor Governatore, cioè***

- ***tavoloni cinque di noce; Sc 40.1.00***
- ***tavoloni cinque da arsano prive chiodi, lacci, colla e tinta; Sc 14.1.00***
- ***ciappetti otto; Sc 01.0.00***
- ***cera mezzo rotolo; Sc 00.6.00***
- ***nolo di detto legname, ferramenti, colla, e tinta castati in Malta e burdenari qui al Gozo Sc 03.1.00***
- ***per aver fatto condurre etta sedia dal Rabbato in detta Chiesa Matrice ; Sc 00.8.00***
- ***a Maestro Tomaso Puglis fa legname e suo lavorante giorni numero 85 a tarì 6.10 al giorno; Sc 40.0.10***
- ***a maestro Girolamo Fabri scultore per manifattura delle tre arme di S.A.S, Venerando Sinicaclo, e quest'Università ; Sc 10.0.00***
- ***Per loro pono, e nolo da Malta; Sc 00.3.00***
- ***Quali ponerete ne'conti li 15 agosto 1704; Sc 115.8.10***

Is-sedja saret mill-injam tal-ġewż, l-aqwa injam li kien fil-kummerċ dak iż-żmien. Intuża wkoll arżnu mill-ifjen għax mingħajr għoqod jew ingrotti (*privo chiodi*), kwalità ta' injam aktarx tal-prinjol jew taż-żnuber li hu imfittex ferm għall-ebusija tiegħu. Intużaw ukoll tmien ċappetti tal-ħadid li saru minn ħaddied Malti. Inxtraw ukoll kolla, kulur, u ħwejjeġ żgħar oħra.

L-injam u l-affarijiet l-oħra nxtraw minn Malta u biex inġarru għal Għawdex intefqu tliet irbiegħi.

Is-sedja kienet maħduma mill-mastrudaxxa Tumas Puglis u l-lavrant tiegħu u damu jaħdmuha 85 jum, b'paga flimkien ta' sitt irbiegħi u għaxar ħabbiet kuljum. Meta kienet lesta, is-sedja kienet mogħtija l-lustru (ċera).

L-iskultur Ġlormu Fabri ħadem tliet armi ta' l-injam għal fuq is-sede: tal-Granmastru Perellos, tas-Siniskalk, u ta' l-Università.

B'kollox telgħet is-somma ta' 115-il skut, 8 irbiegħi, u 10 ħabbiet, somma kbira ħafna.

Nistħajjel kienet sedja verament sabiħa. Milli jidher qajla kienet apprezzata għax ma għadhiex teżisti u qisha spiċċat għand xi furnar!



TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (29)



# X'Nemmnu dwar l-Ispirtu s-Santu

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

Fit-Testment il-Qadim, jissemma ta spiss, l-Ispirtu t'Alla u huwa meqjus bħala prinċipju jew bidu tal-ħajja li bih jiġġedded il-wiċċ ta' l-art u dak li jqassam id-doni tas-sema. Hekk per eżempju, il-profeta Iżaija; "Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Gesse, għad tinbet rimja minn għeruqu; fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej, l-ispirtu tal-għerf u d-dehen, l-ispirtu ta' l-għaqal u l-qawwa, l-ispirtu tal-għerf u l-biża tal-Mulej" (Iż. 11,2-3); "L-ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi, għax il-Mulej ikkonsagrani biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin" (Iż. 61.1). Hekk ukoll il-Profeta Eżekjel: "Nagħtihom qalb oħra u nnissel spirtu ġdid ġewwa fihom," (Eż. 11,19); "Nqiegħed l-ispirtu tiegħi fikom u nagħmel li timxu skond il-kmandamenti tiegħi, u li żżommu l-preċetti tiegħi u tħarsuhom" (Eż. 36, 27).

Madanakollu, mit-testi tar-Rabta l-Qadima, wieħed ma jistax jikkonkludi li l-Ispirtu s-Santu huwa persuna divina; anzi jidher li l-Lhud ta' qabel Kristu, ma kienx għad għandhom ideja ċara tat-Trinita Qaddisa. L-Ispirtu s-Santu kien attiv ukoll fost il-poplu ta' Iżrael fil-Liġi l-Qadima, imma ftit jew xejn kienu jafu fuqu.

Kien is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, li irrevelelna l-Ispirtu s-Santu għaliex tkellem kemm il-darba dwaru, qalilna min hu, u liema hija l-funzjoni tiegħu fir-ruħ ta' l-insara u fil-Knisja.

It-twemmin fl-Ispirtu s-Santu, il-Knisja Kattolika, iżżommu u tistqarru fis-Simboli tal-Fidi u fil-Konċilji: il-Konċilju ta' Kostantinopli (381) hemm l-istqarrija: "Aħna nemmnu fl-Ispirtu s-Santu, Mulej li jagħti l-ħajja, li ġej mill-Missier u mill-Iben, li hu meqjum u mweġġagħ, flimkien mal-Missier u ma' l-Iben, u li tkellem, permezz tal-profeti".

Fil-Konċilju ta' Toledo (675) jingħad: "Nemmen li l-Ispirtu s-Santu, li hu t-tielet Persuna tat-Trinita, hu Alla wieħed u l-istess mal-Missier u l-Iben, ta' l-istess sustanza u ta' l-istess natura...iżda ma jingħadx li hu biss l-Ispirtu tal-Missier, imma li fl-istess waqt, hu l-Ispirtu tal-Missier u ta' l-Iben".

♦ Fit-tieni Konċilju ta' Lyon (1274) saret din l-istqarrija tal-fidi: "Nistqarru bil-fidi u bil-qima li l-Ispirtu s-Santu, jipproċiedi eternament mill-Missier u mill-Iben, mhux bħal minn żewġ prinċipji, iżda bħal minn prinċipju wieħed, mhux permezz ta' żewġ spirazzjonijiet, iżda permezz ta' ispirazzjoni unika".

♦ Il-Konċilju ta' Firenze (1439) iddikjara li: "L-Ispirtu s–Santu għandu l-essenza u l-esseri tiegħu mill-Missier u mill-Iben flimkien u ġej mill-wieħed u mill- ieħor, qisu minn prinċipju wieħed u minn spirazzjoni waħda".

♦ Fl-istqarrija tal-Fidi tal-Papa Pawlu VI, hemm il-kelmiet: "Aħna nemmnu fl-Ispirtu s-Santu, li hu meqjum u msebbaħ flimkien mal-Missier u ma' l-Iben. Hu tkellem magħna b'fomm il-profeti; intbagħat lilna minn Kristu wara li qam mill-imwiet u tela' għand il-Missier; Hu jdawwal, jagħti l-ħajja, jħares u jmexxi l-Knisja, isaffi l-membri tagħha, sakemm ma jopponux il-grazzja. Bil-ħidma tiegħu, li tippenetra sal-qalba tar-ruħ, il-bniedem fl-umiltà li jikseb minn Kristu, jista' jsir perfett, bħal ma' perfett hu l-Missier li hu fis-smewwiet".

### *Bażi Biblika tat-tagħlim dwar l-Ispirtu s-Santu*

Skond ix-xhieda tal-Evanġelista San Ġwann, fl-aħħar ċena, Kristu tkellem dwar l-Ispirtu s-Santu, bħal ma aħna nitkellmu dwar persuna li nafu u li nħobbu. Minn dawn il-kelmiet ta' Kristu, nistgħu nifformaw ideja dwar min kien u x'għamel l-Ispirtu s-Sant.

♦ Ġwann 14,16–17: "Nitlob lil Missieri u jagħtikom Avukat ieħor, biex jibqa magħkom għal dejjem, l-Ispirtu s-Santu, li d-dinja ma tistax tilqgħu, għax la tarah u lanqas tagħrfu. Intom tagħrfuh, għax igħammar magħkom u jkun fikom".



♦ Ġwann 14,25–26: "Dan għidtulkom, waqt li għadni magħkom. Imma l-Avukat, l-Ispirtu s-Santu li l-Missier jibgħat f'ismi, hu jgħallimkom kollox u jfakkarkom kull ma għidtilkom".

♦ Ġwanni 15,26: "Meta jiġi l-Avukat, li jiena nibagħtilkom minn għand Missieri, l-Ispirtu tas-sewwa, li ġej mill-Missier, hu jixhed għalija, u intom tixhdu għalija għax intom miegħi mill-bidu".

♦ Ġwann 16,7-14: "Ngħidilkom is-sewwa: jaqblilkom li jien immur, għax jekk ma mmurx, id-Difensur, ma jiġix għandkom; imma jekk immur nibgħathulkom".

Fis-Sinottici hemm xhieda li l-Ispirtu s-Santu huwa persuna distinta u magħżula mill-Missier u mill-Iben, iżda ugwali għalihom, għaliex iwettaq opri jew għemejjel divini, bħal ma huma l-profezija u t-tqaddis ta' l-erwieħ. B'mod specjali, tagħrif dwar il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, skond il-pjan ta' Alla, nsibuha fl-Evanġelju ta' San Luqa, kif ukoll fil-ktieb l-ieħor tiegħu, fl-Atti ta l-Appostli.

Fl-ewwel żewġ kapitli tal-Vanġelu tiegħu, San Luqa jsemmilna: (i) is-sehem ta' l-Ispirtu s-Santu, fl-opra ta' l-Inkarnazzjoni (ii) u xi personaġġi li kienu taħt l-influwenza tiegħu.

Matul ħajjtu kollha, Kristu, bħala bniedem kien immexxi mill-Ispirtu s- Santu. Difatti, Ġesù ġie mnissel fil-ħdan l-iktar safi ta' Marija Verġni bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek - qal l-Anġlu lil Marija - u l-qawwa ta l-Għoli tixhet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk Dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla"(Lq. 1,35); "Mimli bl-Ispirtu s-Santu, Kristu reġa' lura mill-Ġordan u l-Ispirtu ħadu fid-deżert" (Lq.4,1); L-Ispirtu s-Santu, deher taħt sura ta' ħamiema fil-magħmudija ta' Kristu, u fuq it-Tabor fit-trasfigurazzjoni tiegħu, il-preżenza ta' l-Ispirtu dehret taħt għamla ta' sħaba mdawwla.

L-Ispirtu s-Santu mexxa lill-Appostli, fil-ħidma apostolika tagħhom, wara li Kristu kien wegħdulhom (Lq.12,11-12) u ġie mogħti lilhom (Atti 5,3;15,28). Huma kellhom is-setgħa li jaħfru d-dnubiet bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu li ġie mogħti lilhom; difatti, wara li qam mill-imwiet, Kristu qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma" (Ġw. 20,22-23). Is-setgħa li jmexxu l-Knisja, afdata lill-Appostli u lis-suċċessuri tagħhom, isemmiha l-Appostlu Missierna meta kien ikellem lill-presbiteri ta' Efesu u qalilhom: "Ħudu ħsieb tagħkom infuskom u tal-merħla kollha li l-Ispirtu s-Santu għamilkom għassiesa tagħha biex tirgħu l-Knisja ta' Alla, li hu kiseb b'demmu stess". (Atti 20,28).

Fl-Ittri ta' San Pawl, insibu wkoll provi siewja dwar il-ħidmiet ta' l-Ispirtu s-Santu: "Alla irrevelahulna permezz ta' l-Ispirtu; għax l-Ispirtu jgħarbel kollox, sa fil-qiegħ ta' Alla" (I Kor. 2,10); "Dan kollu jaħdmu l-istess Spirtu wieħed, li jqassam lil kull wieħed kif jogħġbu" ( I Kor. 12,11). It-tagħlim ta' l-Ispirtu s-Santu huwa t-tagħlim ta' Kristu, il-grazzja li l-Ispirtu s-Santu ta lill-Appostli hija l-grazzja ta' Kristu (I Kor 6,11; Rom, 8,9).

## It-titli ta' l-Ispirtu s-Santu

Meta ngħidu l-Ispirtu s-Santu, nifhmu Dak li aħna nistqarru u lilu nagħtu ġieħ flimkien mal-Missier u mal-Iben Etern ta' Alla. Huwa t-tielet Persuna tat-Trinita Qaddisa. L-Ispirtu s-Santu, kif insibu fit-Testment il-Ġdid, għandu wkoll titli oħra, bħal ma huma:

(a) Il-Paraklitu (Ġw. 14,16, 26;16,7). Din hija il-kelma griega, li bil-malti tfisser "Difensur".

(b) Avukat (Ġw.15, 26).

(c) Spirtu tal-verità, (Ġw. 16,13) kif sejjaħlu Kristu innifsu.

(d) "L-Ispirtu mwiegħed" (Efes. 1.13; Gal. 3,14).

(e) "L-Ispirtu ta' l-adozzjoni," (Rum. 8,15;Gal. 4,6).

(f) "L-Ispirtu ta' Kristu" (Rum. 8,11).

(g) "L-Ispirtu tal-Mulej" (2, Kor. 3,17).

(h) "L-Ispirtu ta' Alla" (Rum. 8,9,14; 15,19; I Kor 6,11; 7,40).

(i) "L-Ispirtu tal-Glorja" (I Pt. 4,14,1).

*(jissokta f'ħarġa oħra)*




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(It-Tmienja u Għoxrin Parti )*

**(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)**

### *MARD TAT-TIĠIEĠ*

**BOĊĊA F'SIEQ IT-TIĠIEĠA**

Xi drabi jiġri li xi tiġieġ itellgħu boċċa taħt saqajhom. Din il-boċċa aktarx li dejjem tkun ikkaġunata minn xi qasma jew ferq f'sieq it-tiġieġa. Dan jiġi infettat bl-istess żmien tal-maqjel, irabbi l-materja, jiffjamma u jnissel tbatija kbira fuq it-tajr.

Ir-rimedju kien dan: Jekk il-ferita tkun għadha fil-bidu, wieħed kien jagħtiha dilka kuljum għal matul ġimgħa.

Jekk tkun diġà ffjammata, wieħed kien ikollu jaqsam il-boċċa, joħroġ il-materjal ta' ġo fiha, u wara jaħsilha tajjeb, jiddiżinfettaha, u jinfaxxa sieq it-tiġieġa għal ftit ġranet. Ġie li kienu jiddiżinfettaw billi jgħaddsu sieq it-tiġieġ f'tintura tal-jodju.

### *MARD TAL-GRIŻMEJN*

Il-marda tal-griżmejn fit-tiġieġ kienet iġġiegħel it-tiġieġ iħarħru, sakemm f1-aħħar jifgaw u jmutu.

Dari biex ifejqu l-mard tal-grieżem fit-tiġieġ kienu jinqdew bit-turpentina, imma t-tjur baqgħu jimirdu u jmutu xorta waħda.

Il-mard kien ikkawżat minn parassita li tbid fil-ħamrija umda u sħuna. Il-bajd kien jofqos biss meta xi tjur imorru jferkxu f'ħamrija infettata. Il-bebbux u l-bugħarwien jistgħu jxerrdu l-marda.

Bħala rimedju t-tiġieġ morda kienu jwarrbuhom għalihom u mbagħad ibellgħulhom erba' qtari ta' taħlita ta' parti waħda sulfat ma' erba' partijiet żejt tal-kittien. Xi drabi kienu wkoll jagħilqu t-tjur morda f'kaxxa u mbagħad jippumpjaw għal ġol-kaxxa insetticida f'għamla ta' trab. Wara xi għaxar minuti, imbagħad, it-tiġieġ kienu jitilquhom fil-beraħ. Jingħad li b'dan il-metodu ġie li anki salvaw sa 98 fil-mija tat-tiġieġ morda.

### *IL-ĦURRIEQ*

Din mhix marda, imma insetti li jiġu kkawżati mill-ħmieġ u n-nuqqas ta' indafa.

### *IL-PESTA TAT-TJUR*

Jingħad li l-pesta tat-tjur inkixfet fl-Italja fis-sena 1878. Minn hemm xterdet f1-Ewropa Ċentrali u f1 Olanda. Fis-sena 1925 kien hemm epidemja f1-Istati Uniti ta' l-Amerika u f1-1926 daħlet l-Ingilterra fejn għamlet ħsara kbira.

Hemm diversi tipi ta' pesta, fosthom waħda li tolqot il-ħamiem ukoll, u oħra li lill-ħamiem ma tagħmillu xejn.

**Kif tixtered**. Il-marda tista' tinfexx f'inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa u ttawwal sa ħamest ijiem. Tinfirex mill-ħmieġ, mill-maħta, minn xi ferita, mill-ġwież, mill-ilma, mid-demel, u minn kull ħaġa li tkun imniġġsa. Ma jidhirx li tittieħed mill-arja. Kumpratur li jmur f'postijiet imniġġsa jista' jġorr il-marda miegħu.

**Sinjali tal-marda**. It-tiġieġa marida tibda tixrob ħafna ilma, għonqha jimtela, kultant tokrob, il-għalla u l-imsielet jintefħu u jiswiedu. It-tiġieġa tibda tbati biex tieħu n-nifs, tieħu l-qagħda ta' rieqda u geddumha xi drabi jmiss ma' l-art. Jista' jkun hemm slieħ bi ħjut tad-demm u t-tiġieġa turi sinjali ta' paralisi.

It-tiġieġa tista' turi li hi b'saħħitha fil-għodu u tmut sa fil-għaxija. Għalhekk il-mewt tista' tilħaq fi ftit sigħat jew wara jumejn jew tlieta.

**Sinjali ta' wara l-mewt**. Dawn is-sinjali jvarjaw skond it-tul tal-marda. Aktar ma' l-mewt tiġi malajr, inqas ikunu s-sinjali. Fil-grieżem ta' l-ikel u tan-nifs jista' jkun hemm bħal ħjut tad-demm, nixa tad-demm fil-ħawsla u fl-imsaren, fwied u/jew marrara minfuħa.

Warrab it-tiġieġ morda għalihom, u jekk toqtolhom malajr aħjar. Iddiżinfetta l-post u l-ilma wara li tieħu l-pariri li jkollok bżonn. Hawnhekk ta' min igħid li llum wieħed jista' jlaqqam it-tiġieġ tiegħu kontra l-mard tal-pesta ta' diversi tipi f'daqqa. Imma dwar dan wieħed għandu jieħu l-parir ta' l-esperti f'dan il-qasam.

### *PREKAWZJONIJIET OĦRA*

Tajjeb li wieħed igħid ukoll xi prekawzjonijiet oħra għandhom jittieħdu minn min irabbi t-tiġieġ fi żmien ta' mard bħal dan, għax dan il-mard jittieħed malajr, u jiġri u jixtered bil-ħeffa, b'telf kbir għall-produttur. Il-prekawzjonijiet għandhom jittieħdu kemm fir-razzett kif ukoll fuq il-vetturi użati.

Fir-razzett wieħed m'għandux jilbes ħwejjeġ li jkun mar bihom min jaf fejn. L-ilbies għandu jkun apposta, u dak biss użat fir-razzett.

Nies barranin u li m'għandhomx x'jaqsmu max-xogħol m'għandhomx jitħallew jersqu jew agħar u agħar jidħlu fir-razzett.

Fid-daħla tar-razzett għandha ssir ħofra bl-ilma diżinfettat. Vetturi barranin m'għandhomx jitħallew jidħlu.

Il-kartun u oġġetti oħra użati għall-bajd, m'għandhomx jinġiebu lura fir-razzett.

Iddiżinfetta sewwa l-gaġeġ li jkunu se jintużaw biex fihom jinġarru t-tiġieġ għall-qatla.

Wieħed għandu joqgħod ferm attent kif iġib jew jieħu tjur minn razzett għal ieħor, u aktar u aktar lil min idaħħal fir-razzett.

It-tjur kollha għandhom ikunu imlaqqmin kontra kull tip ta' mard tal-pesta, u wieħed għandu jieħu l-pariri meħtieġa fil-waqt.

### IL-MELĦ
It-tiġieġ, id-dundjani, il-ħamiem u tista' tgħid it-tjur l-oħra kollha jiġu avvelenati jekk jieklu ħafna melħ. Jidher li meta tajra tiekol minn nofs terz sa nofs uqija melħ komuni, tkun ħadet biżżejjed biex tiġi avvelenata. Meta jiġri dan, tiġieġa tbati ħafna biex tieħu n-nifs u wara ftit tmut fgata.

M'hemm ebda kura għall-avvelenament tat-tjur. L-aħjar ħaġa, mela, hi li ma jitħalla ebda melħ fejn jilħquh it-tjur.

B'dana kollu wieħed jista' jagħti tnejn fil-mija melħ skond il-piż tat-tagħsida għal jumejn wara xulxin meta t-tiġieġ ikollhom il-vizzju li jnittfu r-rix ta' xulxin.

Din il-kura tal-melħ, bir-rati li semmejna, tfejjaq il-vizzju minn fost it-tjur li jnittfu ir-rix ta' xulxin.



### TIĠIEĠ JIEKLU IR-RIX TA' XULXIN
Xi drabi min irabbi t-tiġieġ jara li dawn jibdew inittfu u jieklu r-rix ta' xulxin. Għaliex jiġri dan u x'inhu r-rimedju?

Hawn min igħid li dan il-vizzju fit-tiġieġ jibda meta wieħed jagħti lit-tiġieġ tagħsida xi ftit immerrqa. It-tiġieġ jimsħu munqarhom mar-rix ta' xulxin u l-fdal jinxef fuq ir-fix. Imbagħad jibdew inaqqruh, u jispiċċaw inittfu ir-rix ta' xulxin.

Hawn min igħid ukoll li aktarx li jibdew jieklu r-rix ta' xulxin għax ikunu ffullati fuq xulxin. Dari ma kinux irabbuhom kull tiġieġa f'gaġġa għaliha, imma flimkien ġo gallinar.

Ir-rimedju huwa dan. Poġġi t-tiġieġ x'imkien fejn ikollhom fejn jiġru iżjed, u ferrex it-tiben b'xi ftit qamħ u xgħir ġo fih ħalli t-tiġieġ jinfexxu jfittxu l-qamħ minflok inittfu 'l xulxin.

Rimedju ieħor ta' dari kien li fil-gallinar iferrxu xi ftit rix irqiq ta' xi tajra li jkunu qatlu, basta ma tkunx marida.

Min irabbi t-tiġieġ f' xi bitħa m'għandux jagħlef it-tiġieġ tagħsida mmerrqa.

### TJUR IFERFRU RASHOM
M'hix ħaġa ħafifa tkun taf għaliex xi tjur iferfru rashom. B'dana kollu t-tferfir ma jfissirx li huma morda. Jista' jkun li jkunu qegħdin iħossu xi brieghet f' widnejhom. F'dan il-każ dari kienu jitfgħu ftit trab tal-jodoform f'widnejn it-tiġieġa jew tajra li tkun, u ma tibqax tferfer rasha.

### TIĠIEĠ JIEKLU L-BAJD
Meta wieħed ikollu t-tiġieġ jiġru f' xi gallinar, jista' jiġri li xi tiġieġa tibda tiekol il-bajd tagħha stess. Meta jiġri dan hemm min it-tiġieġa iqassilha munqarha biex ma tkunx tista' tixrob il-materjal li joħroġ mill-bajda. Imma hawnhekk wieħed għandu joqgħod attent kif iqaċċtilha munqarha biex ma jmarradhiex.

### MARD TAL-ĦAWSLA
Meta tiġieġa jew għasfur ikollu l-ħawsla li timtela bl-Ingliża, dan l-ikel ma jgħaddix u allura meta l-ħawsla taqbeż bħal balla mqabbża 'l barra (u tkun bħal ċappa sewda tinten), is-sid ġie li jaqsamha b'operazzjoni sempliċi, iħitha, u tfiq.

### BAJD GĦAT-TAGĦQIDA
Dari l-bdiewa tagħna kienu jieħdu l-flieles billi jqiegħdu tagħqida bajd taħt il-qroqqa biex din tfaqqashom. Il-bajd biex jofqos irid ikun ingallat, jiġifieri ffertilizzat mis-serduk, ir-raġel tat-tiġieġa.

Issa dan il-bajd jista' ma jinġabarx f'daqqa, imma ftit ftit sakemm ikollu t-tagħqida kollha. Imma wieħed ma jistax iħalli bajd ingallat jistenna wisq għal aktar minn ġimgħa, għax inkella jibda jfalli.

Il-bajd li jinżamm għal ftit granet sakemm tinġabar it-tagħqida kien jinħażen fil-qxura jew imgeżwer fil-karti. Meta kienu jaħżnu l-bajd għal ftit aktar minn ġimgħa, kienu jqallbu l-bajd kull jum.

## MARD TA' L-AGĦSAFAR
(Dan it-tagħrif qiegħed jingħata biss bħala tagħrif u tagħlim ġenerali u mhux biex wieħed jippruvah bla ma jieħu parir ta' min jifhem u ta' min ikollu l-prattika ta' dawn l-affarijiet).

### MEDIĊINA TA' DARI
Fl-antik l-agħsafar ma kinux jagħtuhom mediċina kif nafuha llum. Kienu jagħtuhom il-ħalib. Xi kultant kienu jżidu z-zokkor mal-ħalib fil-bieqja tal-għasfur. Din il-prattika kienet l-aktar komuni ma' dawk l-agħsafar li jinqabdu, imma qabel kienu hekk imsejħa tal-post, jiġifieri li jkunu ilhom f'pajjiżna għal xi jiem u mhux għadhom ġejjin. L-aktar għasafar li jaqgħu taħt din il-kategorija huma l-ġojjini u l-apparelli.

L-ewwel mediċina kontemporanja li bdiet tintuża fuq l-agħsafar kienet is-*Sublimit*. Din kienet effiċjenti fejn jidħol ċertu mard ta' l-imsaren bħal *coccidiosi*. Kważi kulħadd kien juża din il-mediċina kull meta jkollu xi għasfur marid.

Illum hawn ħafna kwalitajiet ta' mediċina, sustanzi u tipi varji ta' ikel għall-agħsafar. Barra minn dan in-nassaba saru aktar kapaċi jagħarfu t-tipi varji ta' mard

fuq l-agħsafar. Wasalna fi stat fejn in-nassab għandu spiżerija sħiħa esklużivament għall-agħsafar. Imma minkejja dan kollu, ninnutaw li l-agħsafar saru jimirdu aktar regolari minn qabel. Saret diffiċli ssalva għasfur mingħajr ma ttih xi forma ta' mediċina.Ħafna mill-agħsafar jidħlu morda minn barra.

### *BANJU TAL-FWAR GĦALL-AGĦSAFAR*

Agħmel skutella bil-misħun u żid iż-żejt ta' l-Ewkaliptus jew il-Balzmu *(Balsam)*. Għatti l-gaġġa b'biċċa ċarruta ħlief in-naħa ta' fuq u n-naħa ta' quddiem. Poġġi l-iskutella tmiss mal-parti ta' quddiem. Il-fwar imbagħad jiċċirkola mal-gaġġa kollha. Il-għasfur jieħu n-nifs bl-arja mħallta bil-fwar li jitla' mill- iskutella. Irripeti kull jum sakemm il-għasfur ifiq.

## *IL-ĦNIEX U D-DUDA*

Hemm numru ta' dud irqiq differenti. Xi drabi ma jagħmel ebda ħsara lill-agħsafar kbar, iżda jattakka l-frieħ. Xi dud lanqas biss jidher għax ikun irqaq minn xagħra.

### *IL-ĦNIEX*

Hemm diversi tipi ta' ħniex, uħud minnhom ma jidhrux bil-għajnejn. Per eżempju, il-ħanex sufi jgħix fl-imsaren u anki fil-ħawsla. Dawn il-ħniex jeħlu ma' l-organi u jsoffu d-demm.

Il-ħanex tond insibuh l-aktar komuni fil-ħamiem. Jidħol fil-ħamiem meta dan ilaqqat il-bajd tiegħu ma' ikel jew ilma infettat. Infestazzjoni qawwija tista' ġġib infjammazzjoni qawwija ta' l-imsaren u fetħa. Il-ħamiem jista' wkoll isofri minn avvelenament u jmut.

Infestazzjoni qawwija tista' wkoll timblokka l-imsaren u l-ħamiem imut.

Fl-agħsafar, il-ħanex tond jista' jikkawża dijarea, debbulizza u kultant il-mewt.

Il-kura m'hix tqila. Hemm mediċina apposta u wieħed irid ukoll iżomm nadif u jiddiżinfetta.

**Il-ħanex aħmar tal-ħamiem**. Dan il-ħanex żgħir ħafna ta' lewn ħamrani nsibuh igħix madwar il-qanżħa tal-ħamiem. Il-ħamiem jiċċappas b'dan il-ħanex għax jiekol insetti infettati bih bħal ġradi jew ġuradi u ħanfus. Ta' min jinnota li sintomi m'hemmx, imma l-ħawsla jista' jkun fiha boċċi u tumbati kkawżati minn dan il-ħanex.

Kura hemm, imma jeħtieġ li wieħed jimxi taħt id-direzzjoni ta' veterinarju.

### *ID-DUDA*

Dan il-ħanex ikun twil qisu kurdiċella. Jista' jgħix għal żmien twil ġewwa l-ħamiem. Ikun imwaħħal minn rasu biss mal-musrana u l-akbar partijiet jinqatgħu biċċa biċċa. Il-biċċiet, imbagħad, joħorġu mal-ħmieġ. Jidhru qishom bżieżaq żgħar bojod. Kull waħda jkun fiha ħafna bajd tad-duda. Il-bajd, imbagħad, jittiekel minn insetti differenti. Il-ħamiema li tiekol wieħed minn dawn l-insetti ddaħħal ukoll ġo fiha l-bajd tad-duda li jofqos fl-imsaren u jerġa' jibda l-ħajja mill-ġdid.

Hemm ukoll duda li tgħix fl-imsaren tal-għasafar u anki duda li tgħix fl-imsaren tan-nies, speċjalment ta'dawk li jieklu l-laħam tal-majjal nej li jkun infettat. Hemm il-kura.

### *ID-DUDA TAL-GRIŻMEJN*

Dan hu parassit perikluż li jattakka lill-agħsafar, it-tjur u anki l-mammali. Għandu sura la' Y. Ir-raġel iżgħar mill-mara u jkun imwaħħal magħha b'mod permanenti. Igħixu fil-gerżuma tan-nifs u jerdgħu d-demm., u tara bħal ilma ħiereġ mit-toqob ta' mnifsejn il-għasfur. Ta' spiss jieħu n-nifs bil-munqar miftuħ (għalhekk bl-Ingliż il-parassit jissejjaħ *Gapeworm*). Il-bebbuxu u l-bugħarwien jistgħu jxerrdu l-marda.

Is-sintomi tal-marda huma dawn: il-għasfur jibda jisgħol, jagħtas, u tara bħal ilma ħiereġ mit-toqob ta' mnifsejn il-għasfur. Il-marda tattakka l-aktar għasafar insettivori, jiġifieri dawk li jieklu l-insetti, għax dawn ixerrdu l-mard.

### *TIKEK BOJOD*

Dawn jidhru fuq l-agħsafar tal-passa bħal sponsuni, ekri, vrieden, u xi kultant anki fuq il-kanarini. Jidhru tikek bojod qishom tat-terra. Bl-Ingliż jissejħu *"frosting"*. Biż-żmien ġewwa l-gaġġa dawn jonqsu u ġie li ma jibqa' ebda ħjiel tagħhom.

### *ID-DUBBIENA TAL-ĦAMIEM*

Din id-dubbiena sewdenija żżomm fir-rix tal-ħamiem biex issoff id-demm, l-aktar tal-bċieċen. Din tgħammar u tiekol hemm, qalb ir-rix.

Jekk le, tgħaddi ħafna ħin fil-posda tal-ħamiem, fil-kejselli, inkella f'xi toqob taħ l-istess gallinar.

Din id-dubbiena nsibu speċi bħalha li jgħixu fuq il-ħuttaf. Trażżnet l-iktar bl-insettiċidi wara t-Tieni Gwerra Dinjija għax kien hawn epidemja biha. Il-ħamiem ma jikolhiex, iżda jkeċċiha b'munqaru. Lill-ħamiem kbir ma tagħmillu xejn, iżda l-bċieċen jistgħu jmutu biha. B'dana kollu wieħed lanqas ma jrid jinsa li d-dubbiena tal-ħamiem tista' tmarrad għax iġġorr il-mikrobi.

### *ĦRIF A LA FRANĊIŻA*

Din hija marda ta' l-amorini, ftit nafu dwar il-kawża tagħha u lanqas m'hemm kura għaliha. Għasafar żgħar, speċjalment dawk li jkunu għadhom kemm tajru, jibdew iwaqqgħu ħafna mir-rix u jistgħu jinkisrulhom il-primi li jista' jkollhom. Ir-rixa titqaċċat mill-għerq tagħha u wieħed ikun jista' jara tikka demm magħquda mal-għonq. Wieħed jista' jinnota li l-ewwel rix li jaqa' jkun minn taħt iż- żaqq.

Għasafar morda bil-Ħrif Franċiż jista' jkollhom mardiet oħra moħbija. Din il-marda tidher li tixtered mill-bejta.

(Jissokta)




SMUGGLER'S CAVE
BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



gozo press

Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio

Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

A Whole New Look

Sharmain's
Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 21553500

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Home Decorations
* Specialising in Gypsum wall partitions
* Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles
* PVC Wall Panelling
* Interior Painting

For Free Home Estimates
Call Frank Azzopardi
on 2156 5241 or 9982 9195

BOGI AUTO LTD

- Spare Parts
- Batteries
- Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

## FUQ L-INTERNET

RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo

IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi

## Għawdex... kif nafu u narah jien 7



# "NISĠA TA' ESPERJENZI MĊAJPRIN BIŻ-ŻMIEN"

Il-Professur Joe Friggieri jagħtina l-impressjonijiet u l-fehmiet tiegħu

***Bejn Għawdex u jien hemm relazzjoni intima li ilha sejra s-snin, li bdiet qabel ma niftakar u li baqgħet tikber taħt mitt sura, ma' kull żjara li għamilt, kull darba li l-vapur trakka mall-moll jew tbiegħed minnu, ma' kull dehra tal-port ta' l-Imġarr, il-forti ta' Chambray, il-kappella ta' Lourdes, il-lukandi fuq ix-xaqliba l-oħra ta' l-għolja, id-dgħajjes u l-jottijiet jitbandlu mal-mewġ, l-għoljiet Ta' Ċenċ fiċ-ċpar ta' l-għodwa, it-torri ta' Kemmuna mixgħul bil-lejl, il-baħar jgħammex fir-raġġi tax-xemx, jew ileqq qisu fidda fid-dawl ta' qamar.***

Għawdex għalija jgħix bejn illum u lbieraħ, fis-seħer etern tal-bajjiet, l-irdumijiet u l-widien, fl-ismijiet qodma li jidwu fl-iljieli twal ta' l-istorja u l-leġġenda: Għar il-Qamħ, Wied ir-Raħeb, San Katald, Il-Ħotba tal-Qasam, Għar Ilma, San Niklaw, Ras il-Bajda, Nagħaġ il-Baħar, Wied il-Qlejgħa, Wied l-Infern, Ras il-Ħobż, Borġ Għarib, Wied Biljun, Ta' Kusbejja, il-Ħnejja, u l-Ġebla tal-Ħalfa.

Kemm stejjer ta' mħabba u mibegħda, kemm xogħol u taħbit, kemm tamiet u xewqat, kemm ferħ u niket, kemm mard u mewt, kemm ġrajjiet moħbija f'dawn l-ismijiet antiki li għadhom magħna.

Għedtuli biex ma nitkellimx tqil u ma niktibx poetikament. Jien, bħall-Għawdxin, ma nafx nitkellem tqil, imma fuq Għawdex ma nistax ma niktibx b'mod poetiku, għax għalija Għawdex mhux tant post reali imma gżira ta' l-immaġinazzjoni, jew aħjar nisġa ta' esperjenzi mċajpra biż-żmien u mibdula mill-fantasija. U meta n-nies tgħidli li Għawdex m'għadux li kien, ma nemminhiex, nagħlaq għajnejja, indawwar wiċċi u nħares band' oħra, lejn il-munġbell tas-Salvatur jew il-fanal ta' Ġurdan.



Il-Ġebla tal-Ħalfa

Il-bniedem għandu bżonnha l-poeżija, għandu bżonn gżira tal-ħolm, biċċa art imdawra bil-baħar, għolja li minn warajha titla' x-xemx u oħra fejn tmur tistaħba, u xefaq li jħammar fi tlugħha u nżulha.

Għalija Għawdex huwa l-pittura ta' Pawl Carbonaro, it-tempji tal-Ġgantija, il-Ġebla ta' Sansuna, il-poeżija ta' Anton Buttigieg, Mary

Meilaq u Ġorġ Pisani, il-widien u l-għerien li ma jaf bihom ħadd, il-mogħdijiet qalb ir-raba' mikwija bix-xemx, ix-xewk li jikber waħdu, is-sagħtar li jiksi l-blat, il-fjuri rqaq li jsebbħu l-art daqs il-palm u l-ħarrub, l-ilma ġieri għaddej f'Wied il-Lunzjata, l-aċċenti raħlin, il-ħrejjef u l-leġġendi.

Illum kulħadd sar jilbes u jitkellem pulit, kulħadd sar jaf xi jgħid, u kulħadd irid jgħidu fejn jinstema'. Imma għad baqa' f'Għawdex postijiet fejn il-kliem ma jinstemax, fejn għajta waħda biżżejjed, fejn il-ħemda tinkiser biss mill-arloġġ tal-knisja jdoqq il-kwarti u s-sigħat, fejn il-ġurnata tgħaddi bil-mod, fejn il-jum jibda maż-żerniq u l-lejl ftit wara nżul ix-xemx, fejn in-nies għadha tgħożż is-skiet u tħobb il-ġabra, fejn il-leġġenda għadha ħajja.

Darba ħallejt warajja l-għagħa tat-turisti u mort ngħum Għajn Barrani, nofs triq bejn Marsalforn u r-Ramla l-Ħamra. Hawnhekk l-ilma tant hu ċar li għadek tista' tara l-ħut fil-qiegħ għaddej kif kien jagħmel fil-bidu tal-ħolqien, qabel ma vvintaw id-dgħajjes tal-muturi.

Kull darba li ninżel id-Dwejra ngħid lili nnifsi: dal-ġebel tiela' minn ġol-baħar kien hawn qabli u jibqa' warajja. Għawdex lili jtini l-kejl taż-żmien, is-sens tal-ħajja li tgħaddi malajr u tal-blat u l-baħar li jibqgħu għal dejjem. U jagħtini wkoll is-sens ta' Alla li ħalaq kollox, li kien hemm qabel iż-żmien, li fired id-dawl mid-dlam, l-art mill-baħar, l-għoljiet mill-widien, li għamel ix-xemx, il-qamar u l-kwiekeb, qabel ma ħoloq is-siġar, il-ħut, l-għasafar, il-bhejjem u l-bnedmin, li minnu ħareġ kollox u li fih kollox għad jerġa' lura.

Dan hu dak li nħoss fil-fond ta' qalbi meta naħseb f'Għawdex tagħna.


Għajn Barrani


## Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari...




*Issib Ħwawar,*

*Ħxejjex Aromatiċi,*

*Frott Imqaddet għall-Ħelu*

*u Prodotti oħra għall-ikel*

14-15 Kerċem Road, Victoria
Tel: 2156 2160

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



Karolina Cauchi

# Karolina Cauchi (1824-1907)

**jikteb Angelo Xuereb**

Fost il-persuni li taw xhieda verament nisranija fid-Djoċesi ta' Għawdex hi Karolina Cauchi, li kienet strumentali biex titwaqqaf il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Dumnikani jew kif inhuma magħrufa aħjar ta' Pompej, minħabba l-Knisja li hemm ħdejn is-Seminarju.

Karolina twieldet l-Isla, Malta, fil-25 ta' Diċembru 1824. Missierha kien jaħdem ta' nutar u kien mir-Rabat Għawdex, filwaqt li ommha kienet mill-Isla. Għall-ewwel il-familja Cauchi kienet toqgħod l-Isla iżda meta missierha żdiedlu x-xogħol fil-gżira ta' Għawdex ġie joqgħod bil-familja fir-Rabat f'dar sinjorili f'San Ġorġ tal-Ħaġar, proprju quddiem il-faċċata ta' statwa, li minnha l-lokalità ħadet isimha.

Il-ġenituri tagħha ħadu ħsieb li tingħata edukazzjoni mill-aħjar tant li intbagħtet l-iskola fejn tgħallmet taqra bit-Taljan u jingħad li kienet taf ukoll il-Latin. Trabbiet bħala nisranija mill-aħjar filwaqt li kienet devota ħafna tal-Verġni Marija, ta' San Ġużepp u San Karlu Borromeo .

Kull persuna meta titfarfar tibda taħseb fuq l-istat ta' ħajjitha. Hija bdiet tħoss ix-xewqa li tiddedika ruħha għal Alla. Proprju f'dan iż-żmien iltaqgħet ma' Fortunata Spiteri. Missierha kien mir-Rabat ta' Għawdex filwaqt li ommha kienet mill-belt Valletta. Għall-ewwel kienu joqgħodu l-belt fejn kienet terzjarja Dumnikana. Wara xi żmien il-familja tagħha ttrasferiet ruħha lejn ir-Rabat Għawex. Hemmhekk Fortunata u Karolina, li kienu sekondi kuġini ffurmaw ħbiberija verament qaddisa. Dlonk nibtet fihom ix-xewqa li jingħataw lil Alla permezz tat-tliet voti evanġeliċi jiġifieri li jsiru monaċi ta' l-ordni ta' San Duminku. Iżda f'Malta u Għawdex ma kienx hemm monasteru ta' dan l-ordni u għalhekk biex jgħixu din is-sejħa kellhom isiefru.

Iżda lejn 1852 tnisslet fihom ix-xewqa li jibnu monasteru Dumnikan ġewwa Għawdex u billi kienu ġejjin minn familji sinjuri kienu lesti li joffru ġidhom għall-bini tiegħu u hekk tibda kongregazzjoni ġdida. Minkejja li Fortunata ħalliet din id-dinja fl-1864, Karolina baqgħet taħdem bil-għaqal u bil-mod sabiex il-ħolma ta' monasteru Dumnikan isseħħ.

Hija kienet il-moħħ wara t-twaqqif tas-Sorijiet Dumnikani. Tathom it-twelid materjali u spiritwali imma hija qatt ma ħadet it-tmexxija tal-Kongregazzjoni f'idejha. Minkejja li kellha relazzjoni tajba ħafna magħhom hija baqgħet lajka sal-mewt li ġrat fis-17 ta' Lulju 1907.

Il-kobor ta' Karolina narawh kemm kienet bniedma ta' għaqal u spiritwalità filwaqt li użat ġidha għat-twaqqif tas-Sorijiet Dumnikani u tal-fqar.

Il-ħolma ta' Karolina mhux biss twettqet f'Għawdex imma anki 'l bogħod minn xtutna.

*(Din is-sensiela ta' artikli hija msejsa fuq il-ktieb dettaljat 'Ma' Kristu għas-Servizz tal-Bniedem, Ġrajjet is-Sorijiet Dumnikani 1889-1989' miktub minn Rev.Dr. Joseph Bezzina).*






# L-Adorazzjoni Perpetwa fil-Knisja ta' Savina

Minn Mons. Giovanni B. Gauci, Vig. Ġen.
Rettur tal-Knisja ta' Savina

**Ma hemm ebda dubju li kienet l-imħabba li mexxiet lil Mons. Arċidjaknu Alwiġ Vella biex daħal għal biċċa xogħol hekk qaddisa bħalma kien it-twaqqif ta' l-Opra Ewkaristika fil-knisja ta' Savina (Rabat, Għawdex) li tagħha hu kien Rettur. Dan kellu bidu mitt sena ilu, fl-1904, opra qaddisa li għadha ħajja u attiva sa llum.**



L-opra ta' l-Adorazzjoni Perpetwa mibdija minn Dun Alwiġ Vella u mmexxija minnu sa meta miet fl-1928, għaddiet f'idejn Mons. Arċidjaknu Pawl Cauchi li nħatar mill-Isqof Mons. Mikiel Gonzi bħala suċċessur ta' Dun Alwiġ. F'din il-kariga, Dun Pawl Cauchi dam tnejn u ħamsin sena, jiġifieri sa meta miet fl-1980. Mons, Cauchi għandu wkoll il-merti tiegħu mhux żgħar, għax żamm ħajja l-opra li wiret mingħand Dun Alwiġ Vella, anke fi żminijiet imwegħra bħalma kienu dawk tat-Tieni Gwerra Dinjija. Barra minn hekk, tant Mons. Vella kif ukoll Mons. Cauchi taw ukoll servizz speċjali lill-Opra Ewkaristika f'Savina bid-diversi kotba u pubblikazzjonijiet tagħhom tul iż-żmien li damu retturi tal-Knisja ta' Savina. Qegħdin infakkru mitt sena minn meta nbdiet l-Adorazzjoni lil Ġesù Sagramentat f'Savina.



Sehem mitqlu deheb kien dak taż-żelaturi u taż-żelatriċi, kif ukoll tal-gwardji li matul dawn is-snin ġew jaduraw lil Ġesù espost u għenu biex l-Opra ta' l-Adorazzjoni tibqa' ħajja.

Fost il-benefatturi l-kbar ta' l-Opra Ewkaristika f'Savina jiġu minn ta' quddiemnett l-Isqfijiet li kellna, ibda mill-Isqof Giovanni Camilleri li fi żmienu u bil-barka tiegħu bdiet l-Adorazzjoni f'Savina. Warajh komplew jagħtu kull appoġġ u l-barka tagħhom l-Isqfijiet Mons. Mikiel Gonzi, Mons. Ġużeppi Pace u Mons. Nikol Cauchi.

L-aspirazzjoni li għandha l-knisja ta' l-Adorazzjoni ta' Savina m'hijiex għal xi funzjonijiet li, għalkemm jistgħu jsiru anke f'Savina, però huma aktar ta' sura parrokkjali. Il-knisja ta' Savina nbniet minn Dun Alwiġ biex tkun knisja għall-Adorazzjoni ta' Ġesù Sagramentat u għall-ebda skop ieħor.

Jalla dan iċ-ċentinarju mill-bidu ta' l-adorazzjoni perpetwa f'Savina jkun okkażjoni biex dawk li jiġu – li għall-grazzja t'Alla m'humiex ftit – ikomplu jiġu. Jalla jservi wkoll ta' eżempju għal dawk li huma tant imħabbtin, għandhom żmien għal kollox, imma mhux għal Ġesù Sagramentat. Nitolbu minn qalbna lil Ġesù biex minn din il-knisja żgħira tkompli tfawwar fuq Għżiritna dik ix-xmara ta' grazzji li bdiet minn dan il-post mitt sena ilu.

*Għawdxin li għadna niftakru - 17* *Minn Pawlu Mizzi*

# ĠANĠU TA' NEWWIELA

Donni għandi bil-magħmul. Kull darba li nirfes it-Tokk ma nibbastax ninqala'.

Veru! Saqajja jeħlu. Issa ma' dak u issa ma' l-ieħor. Ma nafx nibqa' għaddej. Kif nista' niltaqa' ma' Nenu tal-Bovril jew mal-Fanì u ma nieqafx nitkellem fuq l-Oratorju. X'tim kellna!

Xi żmien kien dak!

Jiġi quddiem għajnejja ġurnata b'ġurnata. Qisni qed inqalleb il-paġni ta' l-istorja. L-1946! Meta bdejna nkissru z-zuntier! Il-ger isfar tas-*Salesian Youths*! Meta waqa' s-saqaf! Għadni nara l-uffiċċju ta' Dun Alwiġ daħna waħda fit-trab! Alla ħares ma kenitx l-logħba bejn l-Italja u l-Ingilterra dak inhar għax kienu jkorru ħafna tfal! Mhux il-piżatur biss!

Illum faċli tiftakar. Ħamsin sena minn ħajja ta' bniedem mhux ħafna. Imma ħamsin sena ta' taqlib soċjali huma epoka! Rivoluzzjoni fl-istorja!

Għawdex tal-ħamsinijiet kien qisu Għawdex ta' żmien il-Grammastri. B'ekonomija tal-familja imma b'soċjetà marbuta ma' diviżjonijiet ta' klassi mifruda bejn il-kbir u ż-żgħir. Min hu għani pulit, u min fqir pastas. Minkejja li jkun ta' skola! Konna għadna maqtugħa mid-dinja moderna. Ftit familji kellhom radju. U ftit kienu jafu jaqraw. Min kellu xi kaxxa tad-daqq biss kellu il-privileġġ li jisma' silta minn opra. Jew ikollu jistenna l-programm tal-Ljun jew ta' l-Istilla fit-Tokk! Il-bqija konna ninqdew bis-serenati ta' żmien il-gwerra: Toni l-Kobru u Ġanni l-Ħaruf bil-kitarra, Satarjanu u Bennardu Masini bil-mandolina, u Ġiġi Sillatu jew ħu Mabbli ta' Għajnsielem ikantaw. U Karmnu s-Sufija, Ġanni ta' Fiela, Koli Apap, u ċorma ta' nies mexjin magħhom. Kulħadd jiħħammja l-kanzunetti: il-*Balalajka*, *Lilli Marlen*, *O Sole Mio*, jew it-*Torna Sorrento*. Imma, konna niddevertu. U nagħtu gost!

Nirrakkontahom bi kburija dawn it-tifkiriet!

Kif nista' ma neħilx miexi fit-Tokk! L-iktar fejn Ta' Newwiela! Għadni nġibhom quddiem għajnejja lil Ġanġu, lix-Xaqla, 'il Ġorġ tal-Kuka, lil Taċ-Ċatta, lil Ġużepp taz-Zinzin. Kollha għadhom ħajjin f'moħħi!

Ma nafx għaliex. Dik in-naħa ta' Ġanġu ta' Newwiela saqajja fil-veru sens tal-kelma kienu jeħlu! Forsi minħabba l-għajjat bil-ħut! Jew ir-riħa taż-żejt! Kull ħoss, kull wiċċ kien ifakkarni fit-tletinijiet.

Iferraħni l-imgħoddi!

Jien ma' ċorma tfal oħra daqsi wara d-duttrina!



B'sandlija waħda jew ħafjin. Bla ħabba fil-but. Nixxenqu biss! Ilkoll quddiem it-taġen kbir ta' Karmnu ta' Newwiela. Narawh jagħli. Ifaqqa' bil-boqoq. L-għaġina togħla u tittaqqab. Ittextex ma' kull qatra li ttajjar jew taqa' mill-ftajjar iqattru fuq fildiferruwa.

Bit-tixnieq biss konna nieklu! Lagħaqna, imma, kien jaqa' għal biċċa. Imbagħad konna niġru lura lejn id-dar, ninbxu qisna għefiered, bit-tama li l-għada wara d-duttrina nerġgħu mmorru ħdejn ta' Newwiela, forsi 'nixtru' ftira!

Darba flok lil Karmnu sibna lil ibnu Ġanġu. Ma ninsihiex! Kif spiċċajna mid-duttrina jien, Pawlu ta' Prinu, Stiefnu tal-Belliegħa, Ġorġi tal-Kaċċatur u xi tnejn oħra ħriġna b'ġirja għal din l-imbierka ftira. Kull wieħed minna bl-imħatra min jilħaq l-ewwel mat-taġen! Konna qisna qatgħa għasafar tal-bejt nieżlin fuq farka ħobż.

'*Murru. Nukżok 'k tmiss mat-tuġun! Dok jikwej!*' qalilna jinbuttana lura.

Imbagħad, ġibed ħdejh lil Toni ta' Grezzja u qallu: '*Ussa ntujk*!'

U qala' ftira mill-fildiferruwa u tahielu.

Aħna mmutajna! U nikluhielu bil-ħars. Toni poġġa fuq l-għatba, farrakha biċċiet f'idejh u newlilna biċċa kull wieħed.

Ġanġu baqa' jħares lejna. '*Dat-tfol ukill*!' smajtu jgħid.

Konna qisna tal-missjoni nistennew il-biċċa tagħna. Tassew, qatt ma basarha. Imbagħad, qabad żewġ ftajjar oħra u qasamhom u tahomlna.

'*Ussa iġrew lejn id-dor*,' qalilna. U ċapċap idejh qisu qed ikeċċi xi qattus minn quddiem xi tilar tal-ħut. '*U tersqewx 'l hawn. Lilik sa nukżok*,' qalli.

Ngħid is-sewwa bżajt u ma mortx aktar. Lil Ġanġu, imma, bqajt niftakru. U anke l-ftira li kien tana.

Ma kenitx bħal xi *pizza* tallum. U lanqas kellha x'taqsam mal-ftira li kien jagħmel il-furnar bl-

għaġina tal-ħobż. Kienet bla ħmira. Tiġġebbed u tinfetaħ daqs rota. Irqieqa u meta tinqela' fiż-żejt tirqaq u ssir tqarmeċ, ħamra u kollha toqob.

Aħna t-tfal konna ngħidulha 'ftira tan-Newwiela'.

Anke l-post sallum għandna nsibuh 'ħdejn Ta' Newwiela'.

'Newwiela' kelma Għarbija. M'għandha xejn x'taqsam man-newl jew ma' min jinsġu. 'Newwiel' fl-Għarbi Klassiku kien 'ħaddiem bla sengħa'. Skond Barbera, filologu Ġeżwita li kiteb dizzjunarju Malti-Għarbi-Taljan, in-newwiela kienu manwala, ħaddiema li jgħinu fir-raba' jew fil-ġarr. Fi żmieni konna għadna nsejħu 'manwal' lil min jerfa' l-ġebel ma' xi bennej.

Sal-bidu tas-seklu XX Għawdex kien miżgħud b'dawn in-newwiela. Kienu jitħallsu tliet karnijiet kuljum. Ħafna kienu jkunu bla xogħol u kienu jmorru s-suq biex forsi xiħadd iqabbadhom jaħdmu xi siegħa. Bħal tal-parabbola!

Min jiftakarhom għadu jiddiskrivihom: ħafjin; b'qalziet '*buggie*' abjad, marbut minn terħa taħt ħżienhom; tixmira ftit 'l isfel minn irkupptejhom; u berritta mxengla mitfugħa lura. U f'idejhom il-maktur ta' l-ikel. Ħafna kienu jorbtuh ma' ras ta' ħatar biex jidher!

Sinjal għal min irid jikri n-nies! Mingħajru, dal-maktur bl-ikel, in-nawwiel ma kienx isib min jagħtih xogħol!

Kienu jidħlu għal kollox dawn in-newwiela:jagħżqu, jaħsdu, jagħsru, iġorru. U, jekk b'garġi tajba, anke jgħajtu biex ibiegħu.

Sallum, l-għajjat tagħhom tisimgħu minn tarf s'ieħor tas-suq. Kulwieħed bl-għajta tiegħu. Kultant bilkemm tifhmu. Min: *'Għajnu ħamra t-tonn'* u min *'Ħajjin! Ħajjin!'* jew *'Sħan u tajbin!'* Ħdejn Ta' Newwiela bankijiet bil-bakkaljaw, tin taċ-ċappa, tamar, kannestri bil-ħut frisk, ċniener bil-ful niexef, u karawett. U qastan inkaljat fuq kenur.

F'dan l-għajjat sirt nafu lil Ġanġu ta' Newwiela. Ta' tfal bil-ftajjar. Ta' kbir bil-ħut. L-għajta tiegħu għadha f'widnejja: *'Għandu ċ-ċerna! Iċ-ċerna! Dak id-denċi, id-denċi! Min jsajjar!'* U kull ħuta tħajrek, friska, mifruxa fuq bank nadif. Dejjem lest jaqdik mill-aħjar, nadif, b'fardal abjad ma' qaddu. Ċerna friska. Kien iħajrek b'kollox!

Kelli, imma, drawwa kerha. Kif igeżwirli l-ħut fil-karta kont nerġa' nifthu biex nara li tani kienx tajjeb jew le.

Darba kważi ħa għalih. Kien dittur għal xogħlu! Fuq kollox, imma, onest u mal-parruċċan qatt ma daħak b'ħadd.

*'X'taħsib,'* qalli, *'tajtuk erżnell fluk vupoj?'*

Stħajt. U għal xhur ma kellix ħila nidher quddiemu.

Darba, imma, xtaqt ħuta friska u bgħatt lit-tifla.

'Ma nafx għand min!' Kienet qaltli meta ppruvajt infiehemha għand min ridtha tmur.

'U dak li għandu l-ħanut f'tarf is-suq!' għidtilha. Xorta, imma, ma fehemitx min hu. U baqgħet iċċaqalaq rasha. Ma kenitx qed tiftakru.

'U dan fih raġel. Jarfa' minn San Ġorġ! Ibiegħ u jgħajjat "Ħajjin"!'

'Wieħed twil?' staqsietni biex turini li ftakret min kien dan Ġanġu ta' Newwiela.

Kienet qed tibdlu ma' Pawlu ta' Manini. Tbissimt għax fakkritni f'elf storja tiegħu.

'Ara ma jmurx ifettillek tmur għand dak!' qtajtilha kliemha. 'Itajrek jekk tmisslu ħuta u ma teħodhiex!'

Ħassejtni qed nerġa' niżbalja. Ma messnix għidtilha hekk. Kont qed nonqsu lil Pawlu. 'Dak patrijott!' għidt f'qalbi.

Veru li kien nervuż. Imma kien hemm raġuni għalxiex ikun hekk! Kien vittma ta' soċjetà bla ruħ! Wieħed li fis-Sette Giugno ma beżax kontra l-azzarini ta' l-Ingliżi. Ħadha kontra min lill-Malti kien qed iċaħħadlu l-ħobż. U daq il-ħabs u bata għall-pajjiżu. Pajjiżu, imma, kien, ingrat miegħu. Bħalma kien ingrat maż-żgħir. Dawk li ġrew mat-toroq tal-Belt ixejru l-bandiera Maltija.

'Imissni nistħi,' komplejt ngħid f'qalbi. 'Bħalma imisshom jistħu dawk il-politikanti kollha li llum nsewh lil Pawlu u lil nies oħra bħalu!'

Dak il-ħin għamilt kuraġġ u ddeċidejt li mmur jien għand ta' Newwiela.

Ġanġu kien hemm. Kif rani daħakli. Imma kompla jgħajjat: 'Ħajjin! Ħajjin!'

'Mela sifirt!' qalli. Ma weġibtux imma tbissimt. U qisu qatt ma kien hemm xejn bejnietna.

'Biċċa ċerna?' qalli.

Ħallejtu jagħmel hu. L-irġulija tiegħu kienet għalija l-garanzija tas-sewwa. U f'negozjant bħal Ġanġu, sagrosanta. Żgur li did-darba ma kontx sa nkun jien li nxellifha. Lanqas f'mitt sena!

Fraħt li erġajt lura lejn dan l-ambjent!

In-nies ħdejn Ta' Newwiela baqgħu parti minni. Għal żmien twil wara. F'ruħi qishom fantażmi li jferrħuni kuljum. B'Pawlu ta' Manini u n-Nemeris. It-tnejn jinbuttaw u jgħajtu. Kultant xi żarżira! U aktar 'l hemm, quddiem Tal-Bellusa, Ġorġi ta' Bżaru, kwiet, iqartas il-karawett kejla wara kejla!

X'fiżonomija dak il-post! Ħdejn Ġanġu ta' Newwiela! Bl-irwejjaħ tal-ftajjar!

U bl-għajjat tiegħu: *'Ħajjin! Ħajjin! Min jixtri?! Ħajjin!'* Kif nista qatt ninsih?!

*APPREZZAMENT*

# DUN MIKIEL ATTARD
## (1933-2004)



**Dun Mikiel Attard twieled nhar l-1 t'Ottubru tal-1933 fin-Nadur Għawdex minn Coronato Attard u Anna Tabone. Kien il-kbir minn familja ta' 10 ulied. Il-formazzjoni nisranija tiegħu jafha lit-trobbija tajba li rċieva fi ħdan il-familja kif ukoll lis-soċjeta' tal-Mużew imwaqqfa mill-Beatu Dun Ġorġ Preca. Daħal fis-seminarju Minuri ta' eta' zgħira kif kienet id-drawwa dak iż-żmien u kompla bl-istudji filosofiċi u tejoloġiċi fis-Seminarju t'Għawdex.Kif kien jistqarr fil-konferenzi li kien jagħtina fis-Seminarju bħala Direttur Spiritwali tagħna, il-formazzjoni spiritwali u intellettwali tiegħu ħadha b'serjetà kbira. Ġie ordnat saċerdot fit-12 t'April tal-1959 fil-Katidral t'Għawdex mill-Isqof Gużeppi Pace. Fl-ewwel quddiesa solenni kellu bħala predikatur lill-Isqof attwali, Mons. Nikol Cauchi, li miegħu kif jistqarr Mons. Isqof Cauchi stess, żamm ħbiberija u kollaborazzjoni mill-qrib ħafna.**

Kif kien jistqarr hu stess xtaq ħafna li jaħdem fil-Missjonijiet imma din ix-xewqa minħabba raġuni jew oħra qatt ma seħħet fil-milja tagħha. Minkejja kollox hu mar diversi drabi fuq esperjenzi missjunarji flimkien ma' membri tal-Grupp Missjunarju Għawdxi li hu ħadem biex iwaqqaf. Kien ħaddiem attiv fl-għalqa tal-Mulej. Ħadem fl-għaqdiet tal-Lajċi fi ħdan il-parroċċa tan-Nadur fosthom il-Mużew kif ukoll iż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara. Fuq livell djoċesan għamel żmien Viċi-Rettur tas-Seminarju Maġġuri u iktar tard Direttur Spiritwali kemm tas-Seminarju Minuri kif ukoll dak Maġġuri. Bejn is-snin 1970-71 għamel esperjenza pastorali fil-parroċċa ta' St Mark's f'Glenroy, l-Awstralja.

Dun Mikiel kien bniedem ta' inizjattiva kbira u ruħ spiritwali. Waqqaf diversi gruppi ta' apostolat bil-għan li l-bniedem jingħaqad iżjed m'Alla permezz ta' ħidma tajba u talb. Fis-Santwarju Ta' Pinu waqqaf żewġ gruppi ta' talb, il-GymTalb, kif ukoll il-Grupp tat-Talb Madonna Ta' Pinu. Ħa ukoll l-inizjattiva ta' żewġ gruppi ta' talb kontemplattiv wieħed f'Ta' Pinu u l-ieħor ix-Xagħra permezz ta' xi sorijiet Dumnikani. Minkejja l-ħeġġa u l-intenzjoni tajba tiegħu dawn iż-żewġ gruppi iltaqgħu ma' tfixkil u minħabba dan Dun Mikiel kellu mumenti ta' sofferenza. Minkejja kollox kien jemmen li Alla għandu ż-żmien u t-triqat tiegħu, għalhekk ma kien iħalli l-ebda tfixkil jaqtagħlu qalbu.

L-ikbar ħidma Dun Mikiel wettaqha permezz tad-direzzjoni spiritwali l-aktar mas-Seminaristi u l-Kleru. Din il-ħidma kien iwettaqha kemm fis-Seminarju kif ukoll fid-dar tiegħu n-Nadur. Kienu bosta l-membri tal-Kleru li kienu jaraw f'Dun Mikiel il-missier spiritwali tagħhom u xhieda tal-istima u l-imħabba li kien igawdi Dun Mikiel kienet il-preżenza ta' madwar 120 saċerdot fil-funeral tiegħu. Il-ħidma ta' direzzjoni ma kienx jagħmilha biss bil-laqgħat personali imma wkoll permezz ta' korrispondenzi li hu kien iżomm ma' dawk li kien iħoss li jista' jgħin u jdawwal.

L-aħħar 8 snin ta' ħajtu Dun Mikiel għaddihom marid fis-sodda. Ġie kkurat b'għożża kbira minn ħutu. Bil-marda twila u iebsa tiegħu Dun Mikiel sar xbieha ħajja ta' Kristu Msallab u dixxiplu perfett tiegħu. Dun Mikiel kien tassew bniedem t'Alla. Biex isir jixbaħ lil Kristu, Dun Mikiel warrab l-unuri u l-ġid materjali, u fittex biss li jogħġob lil Alla u jaqdi lill-proxxmu tiegħu. Dun Mikiel miet fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex il-Ġimgħa 30 ta' Lulju. Il-funeral sar fil-Bażilika tan-Nadur it-Tnejn 2 t'Awissu. Mexxa l-Konċelebrazzjoni Mons. Isqof Nikol Cauchi. Fost affarijiet sbieħ li qal fuqu Mons. Cauchi, toqgħodlu ħafna l-frażi "Ġawhra tal-Kleru Għawdxi".

Dun Mikiel jinsab midfun fiċ-Ċimiterju tan-Nadur fil-qabar tal-familja.

Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

**Dun Eddie Zammit**

## FEHMET L-GĦAWDXIN

# Biex ma nfaqqrux is-sagramenti...



*L-istruzzjoni "Redemptionis Sacramentum" (25-3-2004) dwar ċerti materji li għandhom jiġu osservati jew evitati rigward l-Ewkaristija Mqaddsa, tiġbed l-attenzjoni dwar dawk l-affarijiet meqjusa bħala abbużi biex ma jitħallewx isiru, iżda tippreżenta wkoll aspetti dottrinali li juru l-importanza u l-kobor tas-sagrament ta' l-Għid ta' Kristu. Insibu pereżempju dawn is-siltiet:*

*a. "Id-duttrina tal-Knisja dwar l-Ewkaristija Mqaddsa, li fiha jinsab il-ġid spiritwali b'mod sħiħ- jiġifieri Kristu, il-Ħaruf ta' l-Għid tagħna - l-Ewkaristija li hija l-għajn u l-quċċata tal-ħajja nisranija kollha..." (2)*

*b. "It-tagħlim kateketiku għandu jinsisti b'mod għaqli ħalli dawk l-ideat superfiċjali tant imxerrdin jiġu kkoreġuti, l-istess dawk id-drawwiet, li daħlu reċentement. Fl-istess ħin jingħata mill-ġdid lill-insara kollha dak is-sens ta' ammirazzjoni profonda li jitlob il-kobor tal-misteru tal-fidi li hija l-Ewkaristija..." (40)*

*c. "L-insara għandhom ikunu mħeġġa b'insistenza biex jidraw jersqu għas-sagrament tal-Penitenza barra mill-ħin taċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, speċjalment waqt l-orarju fiss sabiex is-sagrament ikun amministrat b'mod li jirrifletti l-ġabra u jkun tassew ta' benefiċċju għalihom..." (86)*

*d. "Sabiex jiġu rimedjati ċerti abbużi, hemm ħtieġa urġenti tal-formazzjoni bibblika u liturġika lill-poplu t'Alla, kemm għar-rgħajja kif ukoll għall-insara, biex hekk kemm il-fidi tal-Knisja kif ukoll id-dixxiplina dwar il-Liturġija Mqaddsa jiġu offruti b'mod xieraq u anki mifhuma sewwa... (170)*

*Fid-dawl u fl-ispirtu ta' dawn id-direttivi hemm x'wieħed jirrifletti x'qed infehmu b'ċerti appelli li jsiru għas-sagramenti pereżempju fi żmien il-festi, bħal: "F'dawn l-okkażjonijiet tal-festi kulħadd jersaq għas-sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin", jew "Ilkoll imħeġġin għal dawn il-jiem tal-festa... għad baqa' ċans. Ersaq lejn is-sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin. M'hemmx mod ieħor aħjar biex tiċċelebra..."*

*Avviżi ta' din l-għamla jorbtu dawn is-sagramenti ma' ċerti ċirkostanzi jew għax inqalgħet xi okkażjoni, qisek qed tilbes libsa mhux tas-soltu għax il-festa, allura tagħmel forma ta' ġest estern, bħal tiċpisa żebgħa fuq bini jew tindifa għal wiċċ il-festa. Ma' liema żmien mhux marbutin il-frott u l-ħajja tan-nisrani li twieled mill-ġdid permezz tal-magħmudija?*

*Għandna l-esperjenza ta' l-ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Intilfet l-importanza tal-ġurnata u magħha ntilfu valuri oħrajn. Id-drawwa għal xi żmien kienet qed tieħu post il-konvinzjoni u l-apprezzament tal-ħwejjeġ sopranaturali. Dawn m'għandhomx ikunu frott ta' entużjażmu momentanju, iżda frott ta' katekeżi u formazzjoni, li ma jingħatawx bħall-awguri tal-festa.*

**Mons. Salv Grima**
**Nadur**






# int u saħħtek



*L-appuntament ta' Dr Mario Saliba M.D. mal-qarrejja tagħna.*

# Il-Ħsara mix-Xemx

Issa li qegħdin fl-eqqel tas-sajf kulħadd xi ftit jew wisq ikollu joqgħod għar-raġġi jaħarqu tax-xemx. Il-problema tar-raġġi mix-xemx mhix waħda tas-sajf biss. Illum il-problema tas-sħana mix-xemx tinfirex matul is-sena kollha minħabba fatturi globali qed jiżdiedu. It-temperatura tad-dinja qed ftit ftit tgħola (*global warming*) u iktar ma jgħaddu s-snin iktar qed ikollna sjuf sħan u xtiewi inqas kisħin. Dan jista' jkun effett ta' ħafna fatturi iżda żgur li t-tniġġis ta' l-arja huwa wieħed mill-fatturi li qed jikkawżaw dan. Bid-dħaħen mill-karozzi, fabbriki, kif ukoll diversi tipi ta' sprejs, fosthom fertilliżżanti u pestiċidi li kontinwament qed narmu, qed neqirdu s-saff ta' l-ożonu (*ozone layer*) li fih hija mgeżwra d-dinja u li qed jipproteġina mir-raġġi qliel tax-xemx. Hemm min huwa espost għar-raġġi tax-xemx is-sena kollha: minħabba t-tip ta' xogħol li jagħmel. Hemm imbagħad min iħobb jixxemmex għall-gost jew aħjar biex ikollu dik il-bronżatura li llum saret parti mid-dehra sajfija.

Hu x'inhu l-iskop jew ir-raġuni li għalihom noqgħodu fix-xemx dejjem tkun tagħmlilna l-ħsara u nkunu nipperikolaw li jkollna xi bidu ta' kanċer fil-ġilda kawżat



mir-raġġi tax-xemx. Dan it-tip ta' kanċer jissejjaħ *melanoma*. F'Malta insibu tlett każijiet fis-sena minn dan il-kanċer. Din hija l-verità ppruvata mill-mediċina. Illum min jieħu gost jinħaraq bix-xemx jaqbillu jaħsibha darbtejn!

Minkejja li ta' kull sena ssir kampanja biex ma noqgħodux fix-xemx fis-sigħat bejn il-ħdax ta' filgħodu u l-erbgħa ta' wara nofs in-nhar, xorta għadek tara nies jixxemxu f'dawn is-sigħat. Kemm minnhom jużaw il-kremi apposta li jipproteġuna mir-raġġi tax-xemx? F'Malta il-kanċer tal-ġilda huwa komuni u numru ta' nies imutu ukoll minħabba komplikazzjonijiet minn dan il-kanċer. L-iktar tip ta' kanċer tal-ġilda li huwa fatali huwa l-*melanoma*. Dan it-tip ta' kanċer jinfirex mal-ġisem kollu fi żmien qasir u ma hemmx kura għalih. F'dawn l-aħħar 10 snin rajna żieda ta' 42% ta' każijiet ta' *melanoma*. Barra l-kanċer r-raġġi tax-xemx jxejħu lil ġilda billi ikemxuha u jagħmluha rqiqa. Naturalment kulħadd jaf kemm tkun muġugħ wara xi ġurnata fix-xemx speċjalment meta tkun l-ewwel darba.

## *L-indiċi UV*

Dan l-indiċi ġie stabilit mill-*World Health Organisation*. Huwa minn 0 sa 10 u jkejjel ir-raġġ UV li hemm fid-dawl tax-xemx. Jekk dan l-indiċi jgħidulna li huwa iktar minn 7 għalhekk ikun perikoluż li wieħed joqgħod għat-tul fix-xemx anke jekk juża xi protezzjoni. Biex ir-raġġi ma jagħmlulniex ħsara ma rridux noqgħodu iktar minn 20 minuta kontinwi fix-xemx. Mhux ir-raġġi kollha tax-xemx huma l-istess. Dawk UVA li għandhom l-itwal distanza bejn puntini korrispondenti f'mewġa elettromanjetika jolqtuna meta x-xemx tkun fil-għoli u

anki meta s-sema jkun imsaħħab. Dawn it-tip ta' raġġi jikkaġunaw ħsara fil-ġilda speċjalment tikmix. Il-UVB għandhom distanza bejn il-puntini korrispondenti f'mewġa elettromanjetika iqsar. Huma iktar qawwija mill-UVA u jolqtuna meta ix-xemx tkun fil-baxx. Dawn ir-raġġi huma elf darba iktar qawwijin u allura iktar ta' ħsara mir-raġġi UVA. Huma jikkawżaw ħruq fil-ġilda, u l-kanċer tal-ġilda.

Għalhekk huwa importanti li nevitaw ix-xemx bejn il-ħin tal-ħdax ta' filgħodu u l-erbgħa ta' wara nofs in-nhar. Irrid ngħid li r-raġġi tax-xemx jagħmlu ferm iktar ħsara lill-ġilda tat-tfal żgħar għax il-ġilda taż-żgħar hija iktar tenera u sensittiva għax-xemx.Kxif ripetut għax-xemx meta t-tfal ikunu għadhom zgħar jista' jfisser kanċer fil-ġilda iktar 'l quddiem fil-ħajja. Min jaħseb li x-xemx ma tagħmilx ħsara lilna għax għandna l-ġilda samra huwa żbaljat.

## *Ir-raġġi UVA huma kaġun tal-kanċer tal-ġilda*

Ir-raġġi UVB isaħħnu l-ġisem, il-ġilda tiħmar u huma l-kaġun ukoll li l-ġilda tixjieħ qabel iż-żmien. Ir-raġġi *infra red* jagħtuna s-sensazzjoni ta' sħana fil-ġilda tagħna. Il-ħsara mix-xemx takkumula ftit ftit u l-effetti tagħna llum nistgħu narawhom permezz ta' ritratti tal-ġilda b'kamera speċjali. Għalhekk il-ġilda rridu



nipproteġuha kemm mir-raġġi UVA u anke mir-raġġi UVB. Hemm fatturi oħra li jistgħu ikabbru l-ħsara tax-xemx. Ċerti antibiotiċi iżidu ir-riskju ta' ħsara mix-xemx meta inkunu neħduhom jew jekk neħduhom ta' spiss. Għalhekk huwa importanti li meta inkunu nieħdu xi antibiotiċi ma noqgħodux għal ebda ħin fix-xemx. Barra l-antibiotiċi hemm pilloli oħra li meta inkunu neħduhom mhux tajjeb li noqgħodu fix-xemx. Wieħed irid igħid ukoll li meta l-UV index ikun għoli u ma tkunx xemx dan ifisser li xorta nistgħu ninħarqu bir-raġġi tax-xemx avolja ikun hemm is-sħana. Ir-raġġi tax-xemx xorta kapaċi jippenetraw is-sħab ukoll. Barra minn hekk ir-raġġi tax-xemx jistgħu inkunu riflessi minn fuq ir-ramel, konkrit u anke l-baħar stess.

## *Protezzjoni*

Rigward xi protezzjoni li nistgħu nużaw insemmu sunscreens ta' diversi forom ta' krema, lotions, ingwent, u gel. Dawn meta napplikawhom fuq il-ġilda jagħtuna kisja protettiva kontra l-ħsara mir-raġġi tax-xemx.

Biex niġu għall-fatti tajjeb li ngħidu li f'Malta x-xemx tant tkun taħraq li sabu, permezz ta' strument li jkejjel il-livell ta' melanin fil-ġilda, li d-difiża naturali kontra r-raġġi tax-xemx hija biss għal sitt minuti! Għalhekk biex ikollna protezzjoni irridu nużaw kremi protettivi fuq il-ġisem mikxuf kollu mingħajr eċċezzjoni u dawn il-kremi iservu biss għal sagħtejn. Il-kremi li nużaw irid ikollhom SPF *(sun protection factor)* ta' iktar minn 15. Naħseb li tgħidu li dan huwa xi ftit iżżejjed! Le dawn huma fatti li llum huma magħrufa xjentifikament. Għalhekk il-parir tiegħi hu li nevitaw ix-xemx kemm nistgħu. Ir-raġġi tax-xemx dejjem jagħmlu il-ħsara. Il-kanċer tal-ġilda huwa realtà. Barra s-*sunscreens* wieħed ovjament għandu juża kpiepel, b'faldi wiesgħin li jipproteġu mhux biss il-qorrija tar-ras, iżda wkoll il-widnejn, l-għonq u l-għajnejn. Hemm ukoll bżonn nuċċali skur li jimblokka r-raġġi UVA u UVB. Barra minhekk irid ikollna ħwejjeġ ħfief u mhux tan-*nylon* u ssikkati magħna.

## *Xi rimedji meta wieħed jinħaraq bix-xemx*

L-ewwelnett il-ħruq mix-xemx jfisser ħmura fil-ġilda u uġiegħ. Allura l-ewwel miżuri huma biex intaffu l-uġiegħ u nikkuraw dik il-ħmura fil-ġilda. Met inkunu inħraqna bix-xemx il-ħsara tkun ġa saret u għalhekk dak kollu li nagħmlu huwa biex intaffu l-konsegwenzi biss. Illum nistgħu napplikaw ċerti kremi jew ingwent. Il-pazjent iħossu għajjien u jħossu ħażin. Iħossu imdardar, jista' jirremetti u jħoss ħafna mejt, il-ġilda tkun kiesħa u jkun pallidu ħafna.

Il-polz ikun mgħaġġel u n-nifs ikun mgħaġġel u qasir. Jekk il-pazjent ma jingħatax għajnuna jmut. Il-grad inqas gravi huwa meta l-pazjent ikollu xi sintomi milli ġa semmejna iżda dawn ma jkunx daqstant gravi. Il-pazjent iżda jkollu d-deni u d-deni jista' jitla' ħafna. Bil-malti ngħidu deni ta' żiemel għax jista' jitla' sa 108 u anke 110 gradi F. Il-pazjent jista' jibqa' bid-deni għal xi ġranet, ikollu uġiegħ ta' ras u jkun mdardar. Jista' wkoll ikollu wġiegħ ma' ġismu kollu. Din il-kundizzjoni tista' tfieq minnha u tista' ukoll tagrava iktar u il-pazjent jista' jmut ukoll. Ħafna mix-xemxati li naraw ikunu ta' dan it-tip u għalhekk ta' natura ħafifa u mhux daqshekk gravi. L-affarijiet fil-mediċina mhumiex daqshekk faċli u b'dawn it-tip ta' sintomi ikun diffiċili li wieħed jgħid jekk din tkunx sempliċi xemxata jew xi marda oħra bħal meninġite li għandha l-istess sintomi. Il-pazjent jista' jibqa' suġġet għal uġigħ ta' ras għal żmien twil wara u ma' kull stress jew għejja iħoss rasu tugħgħu.

Ta' min igħid li xemxata tajba hija xi ħaġa serja u bejn 40% u 50 % li jkollhom xemxata imutu għalhekk huwa importanti li dan huwa każ fejn il-pazjent irid ikun ikkurat l-isptar mhux id-dar. Għalhekk forsi dari kienu imutu iktar nies minn xemxati għax ma kienux imorru l-isptar. In-nies ukoll kienu jibżgħu ħafna minn xemxata u bir-raġun.

## *Studju Xjentifiku u Kliniku f' Għawdex*

Fl-aħħar tajjeb ta' min isemmi li f' Għawdex ser isir studju estensiv dwar il-kanċer tal-ġilda jiġifieri il-Melanoma. Dan l-istudju ser ikopri l-popolazzjoni adulta ta' Għawdex kollu. Ser ikun magħmul fuq metodu xjentifiku bil-għajnuna ta' l-Universitajiet ta' Siena fl-Italja u Melbourne l-Awstralja. Min jieħu sehem f'dan l-istudju jkun iċċekjat kontra dan il-kanċer billi kull tebgħa li jkollu f'ġismu tkun iċċekjata permezz ta' strumenti apposta. Naturalment dawn it-testijiet isiru mingħajr flus. Għalhekk inħeġġiġkom biex iċċemplu l-Isptar Generali t'Għawdex biex tagħmlu appuntament biex tkunu tistu tipparteċipaw f'dan l-istudju utli.




# L-Olimpjadi, l-ikbar Avveniment Sportiv Mondjali

**F'dawn il-ġranet ninsabu nsegwu permezz tat-televiżjoni, r-radio u l-gazzetti l-aqwa avveniment sportiv mondjali li jkun organiżżat kull erba' snin f'pajjiż partikolari. Eżattament bħalissa qed isiru d-diversi kompetizzjonijiet f'din it-28 edizzjoni tal-Logħob Olimpiku li qed ikunu svolti fil-Belt Griega ta' Ateni. Din il-manifestazzjoni sportiva qed tkun organizzata bejn it-13 u d-29 ta' dan ix-xahar ta'Awissu.**




Però tajjeb li qabel ma nitkellmu ftit dwar dawn l-Olimpjadi, li nagħtu ħarsa lejn l-oriġini ta' dan l-akbar spettaklu sportiv Mondjali. Minn meta l-Olimpjadi kienu reġgħu bdew jiġu organizzati fl-1896, dan il-logħob beda jissaħħah u jikber dejjem iktar ma' kull edizzjoni li bdiet tkun organizzata. Sehem importanti fit-tkabbir ta' din il-popolarità kollha kienu t-televiżjoni, radju u ġurnali. L-oriġini tal-Logħob Olimpiku huwa midfun fil-mitoloġija Griega u għalkemm nafu b'rekords ta' Olimpjadi sa mis-sena 776 Q.K., jeżistu provi biżżejjed biex naslu għal konklużjoni li din il-manifestazzjoni sportiva kienet issir sekli qabel. L-ewwel rebbieħ li nstab fir-rekords kien ta' Koroibos minn Olis li kien rebaħ l-ewwel tiġrija ta' ftit inqas minn 200 metru. Dan Koroibos kien żagħżugħ Grieg li wara li rebaħ kien ġie mogħti bħala premju kuruna magħmula mill-weraq tas-siġar taż-żebbuġ maqtugħin mit-tempju ta' Zeus. Għal Griegi, li huma l-post fejn twieldu dawn l-Olimpjadi, s-siġra taż-żebbuġ kienet siġra sagra fil-belt kapitali tagħhom Ateni.

Dan il-Logħob kif ġa fissirna bdew jikbru b'ritmu qawwi u fil-bidu kienu jiġu organizzati fuq bażi reliġjuża taħt ir-Re Elis. Sa mill-bidu dawn bdew isiru kull erba' snin f'Olimpia u minn hemm huma ħadu l-isem li għadhom bih sal-lum. F'dawk iż-żminijiet il-Logħob kien isir f'ħames t'ijiem meta kienu jieqfu mill-ġlied u l-gwerer. F'dawk il-ġranet kienu jsiru diversi tiġrijiet fuq distanzi diversi u maż-żmien bdew deħlin kompetizzjonijiet oħra atletiċi. Madankollu dawn l-Olimpjadi Antiki kellhom jieqfu fejn b'element korrot beda anke jdeffes denbu f'din il-manifestazzjoni sportiva u dan kollu wassal biex fis-sena 393W.K. l-Imperatur Theodosius ma jagħtix iktar permess li Logħbiet jibqgħu jsiru minħabba wkoll li dawn kienu qed iservu ta' festa pagana.

Kien il-Baruni Franċiż Pierre de Coubertain li ta l-ħajja lill-Olimpjadi Moderni. Dan il-Franċiż wara x-xogħol ta' riċerka li kienu għamlu qablu l-Ġermaniżi J.Guts-Muths u E.Curtius fejn kien instab anke l-istadium oriġinali ta' Olimpia, minkejja l-bosta diffikultajiet li kien iltaqgħa magħhom kienet ġietu l-ideja li jerġa' jqajjem dan il-Logħob Olimpiku. Diversi pajjiżi taw widen għal din l-ideja ta' De Coubertain li jitwaqqaf mill-ġdid dan il-Logħob b'iskop ewlieni li jkun hemm ħbiberija bejn in-nazzjonijiet. Kien hawn li ġie ffurmat il-Kumitat Olimpiku Internazzjonli b'De Coubertain Segretarju filwaqt li l-poeta Grieg Bikelas



Dimirios kien laħaq l-ewwel President. Kienu tnax in-nazzjonijiet li ħadu sehem fl-ewwel edizzjoni tal-Olimpjadi moderni fejn fil-15 ta' April 1896, 80,000 spettatur iffullaw l-istadium sabiħ tal-irħam abjad f'Ateni biex jaraw iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni.

Il-mandat biex il-Greċja terġa torganizza dawn il-Logħbiet kien ingħata waqt l-106 sessjoni tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali fil-5 ta' Settembru tal-1997, żmien biżżejjed biex ikunu jistgħu jippreparaw u jibnu l-faċilitajiet li kellhom bżonn. Huma rebħu dan id-dritt ta' organizzaturi wara li kisbu l-ikbar għadd ta' voti minn 107 delegat preżenti fejn għelbu l-isfida tal-Belt Eterna ta' Ruma b'66 vot kontra 41. Din kienet il-votazzjoni finali, fejn qabel kien hemm bliet oħra interessati li jorganizzaw din l-edizzjoni iżda kienu eliminati mill-għażla finali. Dawn il-bliet kienu Buenos Aires, Cape Town, Stokkolma, Istanbul, Lille, Rio de Janiero, San Juan, Sevilja u St. Petersburg. Dan in-numru kbir ta' bliet li xtaqu li jorganizzaw dawn l-Olimpjadi juri kemm il-lum l-isport hu mportanti fil-ħajja ta' kuljum u minkejja l-ispejjeż kbar li hemm involuti, dawn il-pajjiżi jonqfu miljuni biex jaraw li dan il-Logħob isir f'pajjiżhom għax huwa manifestazzjoni li tħalli mpatt anke wara fuq l-istess pajjiż.




Il-Gvern Grieg ta appoġġ qawwi ħafna biex dawn l-Olimpjadi jkunu jistgħu jsiru fil-Greċja. Personalment kont iktar tal-ideja li dan il-logħob lil Greċja jingħata fl-1996 f'għeluq l-ewwel ċentinarju tiegħu, iżda dak in-nhar il-kandidatura tagħhom ingħelbet mill-belt Amerikana ta' Atlanta. Ovvjament bħal kull Olimpjadi oħra l-Griegi ħasbu biex joffru affarijiet Olimpiċi partikolari li jiddistingwuhom minn oħrajn. Bħala Torċa Olimpika saret waħda fuq forma ta' werqa ta' żebbuġa, u l-emblema tal-Logħob hija kuruna taż-żebbuġ. Anke kuruna taż-żebbuġ ser tingħata lil kull rebbieħ flimkiem mal-midalja rispettiva tiegħu. Il-mascots ufficjali huma Phevos u Athena, żewġ aħwa, tifla u tifel. Din il-kreazzjoni tagħhom kienet inspirata minn pupa Griega antika. Madwar 10,500 atleta qed jieħdu sehem minn 202 pajjiż differenti. Fost dawn hemm Malta b'kontinġent ta' seba' atleti. Ma' dawn l-atleti ser ikun hemm madwar 3,000 uffiċċjal jakkumpanjawhom. L-atleti ser jipparteċipaw fi 28 sport differenti u dawn ser isiru fi 38 sportiva, uħud minnhom ġodda li saru apposta għal dan il-Logħob. Ser ikun hemm total ta' 301 ċerimonja ta' tqassim ta' midalji li ser isiru matul is-16 il-ġurnata tal-Logħob. Dawn l-Olimpjadi qed ikunu kkunsidrati li ser ikunu l-aqwa fl-istorja għal fatt ukoll li nsibu li madwar 21,500 ġurnalista ser ikunu preżenti biex isegwu u jwasslu dan il-Logħob madwar il-globu dinji. Dan kollu jirrekjedi miżuri ta' sigurtà mill-aqwa biex jiġu evitati inċidenti mhux mixtieqa. Madwar 45,000 membru li ġejjin mill-pulizija, militari, gwardjani kostali, ġellieda kontra n-nirien, aġenti tas-sigurtà privati u voluntiera ser jieħdu ħsieb din is-sigurtà kollha. F'dan il-Logħob ma setax jonqos anke n-numru rekord ta' voluntiera fejn 60,000 qed jgħinu fl-organizzazzjoni ta' dan il-Logħob.

Għalhekk wara iktar minn mitt sena l-Greċja qed terġa tospita l-Olimpjadi Moderni fejn għalihom huwa test qawwi li jridu juru lid-dinja l-imħabba kbira li għandhom għal dan il-Logħob li oriġina f'pajjiżhom, kif ukoll għal kapaċitajiet organizzattivi tagħhom. Il-mod kif irnexxielhom ilestu x-xogħol fil-faċilitajiet kollha konnessi huwa garanzija li din l-edizzjoni ser tkun suċċess kbir mill-latt organizzattiv. Aħna nawguraw ġranet ta' sport mill-aqwa lilhom ilkoll u j'Alla li l-ħolma tagħna l-Maltin u l-Għawdxin li nirbħu xi midalja minkejja li din hija ferm rimota jsir realtà.



Waqt attività uffiċċjali organizzata mill-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Għaqda Kittieba Sport, Joe Bajada gie pprezentat bil-Pin tad-Deheb bħala apprezzament għas-sehem tiegħu fil-media sportiva matul dawn il-25 sena. Il-preżentazzjoni lil Joe Bajada saret mis-Segretarju Generali tal-Association de la Presse Sportive, Matti Salmenkyla.




*miġbura minn Pierre Mejlak*

## *Irid jibni palazz tas-silġ*

Il-kap ta' wieħed mill-aktar pajjiżi sħan fid-dinja qatagħha li jibni palazz tas-silġ. Il-president Niyazov tat-Tukmenistan irid il-palazz mibni fil-qalba tad-deżert, 'il barra mill-kapital Ashgabat. Hu jixtieq li l-palazz jakkomoda elf ruħ u joffri divertiment għall-familja kollha. L-aħbar ingħatat mill-President stess waqt li kien qed jindirizza l-poplu minn fuq it-televiżjoni. Ix-xogħol mistenni jibda dal-waqt.

## *Mara tibdel ġnien f'ċimiterju*

Mara minn Hampshire biddlet il-ġnien tagħha f'ċimiterju. Midfuna f'dan iċ-ċimiterju hemm 22 annimal u r-raġel tagħha. Il-mara ta' 82 sena, Jean Pyke, nefqet eluf ta' liri biex tibdel il-ġnien f'ċimiterju. Kull animal li kellha u li miet jinsab midfun f'tebut apposta u b'monument ta' l-irħam fuq il-qabar. Qabel miet, ir-raġel ta' Jean, Theo, insista li l-fdalijiet tiegħu jitpoġġew ħdejn dawk ta' l-annimali li tant ħabb.

## *Qattusa tattakka pilota*

Ajruplan kellu jagħmel inżul ta' emerġenza wara li qattusa attakkat lill-pilota. Il-qattusa, Gin, kienet qed tittieħed għall-kompetizzjoni tal-qtates meta, waqt il-vjaġġ, żgiċċat mill-gaġġa tagħha u baqgħet sejra fil-*cockpit*. Gie rappurtat li l-qattusa kienet aggressiva ħafna u attakkat lill-pilota u anke lill-assistant tiegħu. L-ajruplan kien qed iġorr 62 persuna u kien fi triqtu minn Brussell għal Vjenna.

## *Tirritorna fil-funeral tagħha*

Mara li kienet ġiet rappurtata mejta fin-nirien li qerdu supermarket fil-Paragwaj, ħasdet lil qrabatha meta rritornat lura d-dar f'jum il-funeral tagħha. Nhar l-1 ta' Awissu, Maria Esther Aguilera kienet fis-*supermarket* ta' Ycua Bolanos meta nirien qawwija ħallew 400 persuna mejta. Fuq il-lista ta' l-awtoritajiet Maria Esther kienet imniżżla bħala waħda mill-vittmi. Imma fil-verità kien irnexxielha tittieħed l-isptar, fejn qalbet għall-aħjar. Qrabatha ma kinux jafu b'dan u ħejjew il-funeral tagħha. X'ħin rawha quddiemhom twerwru – imbagħad, x'ħin qaltilhom l-istorja kollha, għamlu festa.

## *Mejjet ma' 20,000 żrinġ*

Ricardo Pereraz, Messikan ta' 82 sena, kien ilu dilettant taż-żrinġijiet minn meta kien żgħir. Fl-1982 kien beda jrabbi ż-żrinġijiet fil-ġnien tad-dar tiegħu. Jidher li baqa' jagħmel dan sakemm miet. Ix-xahar li għadda nstab mejjet fid-dar tiegħu. Miet b'attakk tal-qalb. Jiġru u jaqbżu madwaru kien hemm 20,000 żrinġ ta' kull daqs u lewn.



**Id-Dgħajsa tal-Latini fl-Aħħar Gwerra**

**Il-kuraġġ tal-burdnara u bdiewa għawdxin jidher ċar f'dan ir-ritratt uniku meħud xi 65 sena ilu, b'dgħajsa tat-tagħbija jew "tal-pass" t'Għawdex dieħla fil-port il-kbir, għaddejja minn quddiem frejgati tar-Royal Navy fl-aħħar gwerra dinjija.**


Skont
ta'
10%
fuq kotba
mill-isbaħ
għat-tfal
...dejjem!
LUMEN CHRISTI
BOOKSHOP
Victoria, Gozo - tel. 2156 0496
366 Bible Stories
Classic Enid Blyton Stories
KNOW THE WORLD OF
ANIMALS
Birds, Reptiles and Insects
World History Encyclopedia
MILLENNIUM EDITION
366 Fairy Tales
Science Experiments
My Big Fun Book of Numbers
Children's World Atlas
THE EUROPEAN COMMUNITY
and how it works
365
TALBA
GHAT-TFAL
L-ISTORJA TA'
ĠESÙ
miktuba għat-tfal
L-BIBBJA
alphabetical order
more than 500 illustrations and photographs
activities and puzzles


"X'differenza!"
...din hija l-fehma
ta' dawk kollha
li jiġu jieklu għandna
D-Bar Café
D-Bar Café
BAR & RESTAURANT
ST. JOSEPH
PHARMACY
PAN PIZZA - PASTA - IKEL MALTI U KONTINENTALI
Pjazza San Ġużepp, Qala - Tel: 2155 6242, Mobile: 7942 7014